Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 336

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

23 ta' Diċembru 2015

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks** ([1]) 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar** 27

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2438 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral** 29

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2439 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ** 36

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2440 tat-22 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES** 42

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2441 tat-18 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 27** (1) 49

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2442 tat-22 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 54

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2443 tal-11 ta' Diċembru 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, rigward it-Titolu V ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni** 56

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2444 tas-17 ta' Diċembru 2015 li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi għall-finanzjament mill-Unjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/425/KE** *(notifikata bid-dokument C(2015) 9192)* (1) 59

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-ir-Repubblika tal-Moldova tat-18 ta' Diċembru 2015 dwar l-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova [2015/2445]** 93

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

(Atti leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA (UE) 2015/2436 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2015

biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks

(Riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi fid-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għal iktar ċarezza, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata.

(2) Id-Direttiva 2008/95/KE għandha dispożizzjonijiet ċentrali armonizzati ta' liġi sostantiva dwar it-trade marks li fil-waqt tal-adozzjoni kienu meqjusa li jaffettwaw b'mod l-aktar dirett il-funzjonament tas-suq intern billi jimpedixxu l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-Unjoni.

(3) Il-protezzjoni tat-trade marks fl-Istati Membri teżisti flimkien mal-protezzjoni disponibbli fil-livell tal-Unjoni permezz ta' trade marks tal-Unjoni Ewropea ("trade marks tal-UE") li huma ta' karattru unitarju u validi madwar l-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 ([4]). Il-koeżistenza u l-bilanċ tas-sistemi tat-trade marks fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni fil-fatt tikkostitwixxi l-pedament tal-approċċ tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali.

(4) Bħala segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 dwar Strateġija għall-Ewropa dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Industrijali, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni komprensiva tal-funzjonament ġenerali tas-sistema tat-trade marks fl-Ewropa kollha, filwaqt li kopriet il-livelli tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-interrelazzjoni bejniethom.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 42.

([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Novembru 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2015.

([3]) Id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1).

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Mejju 2010 dwar ir-reviżjoni futura tas-sistema tat-trade marks fl-Unjoni Ewropea, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u d-Direttiva 2008/95/KE. Ir-reviżjoni ta' dik id-Direttiva 2008/95/KE għandha tinkludi miżuri biex issir aktar konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 207/2009, u b'hekk jitnaqqsu l-oqsma ta' diverġenzi fis-sistema tat-trade marks fl-Ewropa kollha, filwaqt li l-protezzjoni nazzjonali tat-trade marks tinżamm bħala għażla attraenti għall-applikanti. F'dan il-kuntest, għandha tiġi żgurata r-relazzjoni komplementarja bejn is-sistema tat-trade marks tal-UE u s-sistemi tat-trade marks nazzjonali.

(6) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Mejju 2011 intitolata "Suq Uniku għad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali", il-Kummissjoni kkonkludiet li sabiex tissodisfa d-domandi li żdiedu mill-partijiet ikkonċernati għal kwalità aktar rapida u aħjar, sistemi aktar sempliċi ta' reġistrazzjoni tat-trade marks, li huma wkoll aktar konsistenti, faċli għall-utent, aċċessibbli għall-pubbliku u teknoloġikament aġġornati, jeħtieġ li s-sistema tat-trade marks tiġi mmodernizzata fl-Unjoni kollha u tiġi adattata għall-era tal-Internet.

(7) Il-konsultazzjoni u l-evalwazzjoni li saru għall-iskop ta' din id-Direttiva wrew li minkejja l-armonizzazzjoni parzjali preċedenti tal-liġijiet nazzjonali, għad fadal oqsma fejn aktar armonizzazzjoni jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività u t-tkabbir.

(8) Sabiex jinkiseb l-objettiv tat-trawwim u l-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb u biex ikunu ffaċilitati x-xiri u l-protezzjoni ta' trade marks fl-Unjoni, għall-benefiċċju tat-tkabbir u l-kompetittività tan-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, huwa meħtieġ li wieħed imur lil hinn mill-ambitu limitat ta' approssimazzjoni miksub mid-Direttiva 2008/95/KE u tiġi estiża l-approssimazzjoni għal aspetti oħra tal-liġi sostantiva dwar it-trade marks li tirregola trade marks protetti permezz tar-reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009.

(9) Sabiex ir-reġistrazzjoni tat-trade marks fl-Unjoni tinkiseb u tiġi amministrata b'mod aktar faċli, huwa essenzjali li ssir approssimazzjoni mhux biss tad-dispożizzjonijiet tal-liġi sostantiva iżda wkoll tar-regoli proċedurali. Għaldaqstant, ir-regoli proċedurali prinċipali fil-qasam tar-reġistrazzjoni tat-trade marks fl-Istati Membri u fis-sistema tat-trade marks tal-UE għandhom ikunu allinjati. Fir-rigward tal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali, huwa biżżejjed li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew liberi sabiex jistabbilixxu regoli aktar speċifiċi.

(10) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-trade marks reġistrati jgawdu l-istess protezzjoni taħt is-sistemi legali tal-Istati Membri kollha. F'konformità mal-protezzjoni estensiva mogħtija lit-trade marks tal-UE li għandhom reputazzjoni fl-Unjoni, għandha tingħata protezzjoni estensiva wkoll fil-livell nazzjonali lit-trade marks kollha reġistrati li għandhom reputazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

(11) Id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi d-dritt tal-Istati Membri li jkomplu jipproteġu t-trade marks miksuba permezz ta' użu, iżda għandha tikkunsidrahom biss fir-rigward tar-relazzjoni tagħhom mat-trade marks miksuba mir-reġistrazzjoni.

(12) Biex jinkisbu l-objettivi ta' din l-approssimazzjoni tal-liġijiet jinħtieġ li l-kondizzjonijiet għall-kisba u ż-żamma ta' trade mark reġistrata jkunu ġeneralment identiċi fl-Istati Membri kollha.

(13) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu jikkostitwixxu trade mark, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi tas-sistema ta' reġistrazzjoni għat-trade marks, jiġifieri li jiżguraw ċertezza legali u amministrazzjoni soda, huwa essenzjali wkoll li jkun meħtieġ li s-sinjal ikun kapaċi jiġi rappreżentat b'tali mod li jkun ċar, preċiż, komplut fih innifsu, faċilment aċċessibbli, intelliġibbli, durabbli u oġġettiv. Għaldaqstant għandu jkun permess li sinjal ikun rappreżentat fi kwalunkwe forma xierqa bl-użu ta' teknoloġija ġeneralment disponibbli, u għaldaqstant mhux bilfors permezz ta' mezzi grafiċi, sakemm ir-rappreżentazzjoni toffri garanziji sodisfaċenti għal dak il-għan.

(14) Barra minn hekk, ir-raġunijiet għal rifjut jew invalidità li jikkonċernaw it-trade mark innifsu, inkluż in-nuqqas ta' kwalunkwe karattru ta' natura distintiva, jew li jikkonċernaw konflitti bejn it-trade mark u d-drittijiet preċedenti, għandhom ikunu elenkati b'mod eżawrjenti, anki jekk ċerti minn dawk ir-raġunijiet huma elenkati bħala għażla għall-Istati Membri li għandhom ikunu jistgħu għalhekk iżommu jew jintroduċuhom fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' protezzjoni mogħtija lill-indikazzjonijiet ġeografiċi mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mil-liġi nazzjonali jiġu applikati b'mod uniformi u eżawrjenti fl-eżami tar-raġunijiet assoluti u relattivi għar-rifjut fl-Unjoni kollha, din id-Direttiva għandha tinkludi l-istess dispożizzjonijiet relatati mal-indikazzjonijiet ġeografiċi kif jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 207/2009. Addizzjonalment, huwa kunsiljabbli li jiġi żgurat li l-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet assoluti jiġi estiż biex ikopri wkoll termini tradizzjonali protetti għall-inbid u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti.

(16) Il-protezzjoni mogħtija mit-trade marks reġistrati, li l-funzjoni tagħhom hi b'mod partikolari li jiggarantixxu t-trade mark bħala indikazzjoni ta' oriġini, għandha tkun assoluta fil-każ ta' identità bejn il-marka u s-sinjal korrispondenti u l-oġġetti jew is-servizzi. Il-protezzjoni għandha tapplika wkoll fil-każ ta' similarità bejn il-marka u s-sinjal u l-oġġetti jew is-servizzi. Hu indispensabbli li tingħata interpretazzjoni tal-kunċett ta' similarità relatata mal-probabbiltà ta' konfużjoni. Il-probabbiltà ta' konfużjoni, li l-apprezzament tagħha jiddependi fuq ħafna elementi u, b'mod partikolari fuq ir-rikonoxximent tat-trade mark fis-suq, l-assoċjazzjoni li tista' ssir mas-sinjal użat jew reġistrat, il-livell ta' similarità bejn it-trade mark u s-sinjal u bejn l-oġġetti jew is-servizzi identifikati, għandha tikkostitwixxi l-kondizzjoni speċifika għal tali protezzjoni. Il-metodi għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, u b'mod partikolari l-oneru tal-prova f'dak ir-rigward, għandhom ikunu kwistjoni għar-regoli ta' proċedura nazzjonali li ma għandhomx jiġu preġudikati minn din id-Direttiva.

(17) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u konsistenza sħiħa mal-prinċipju ta' prijorità, li skont dan trade mark preċedenti reġistrata tieħu preċedenza fuq trade marks reġistrati sussegwenti, huwa meħtieġ li jsir provvediment sabiex l-infurzar tad-drittijiet li huma konferiti minn trade mark għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetarji miksuba qabel id-data tad-domanda għat-trade mark jew dik tal-prijorità tat-trade mark. Tali approċ huwa f'konformità mal-Artikolu 16(1) tal-Ftehim tal-15 ta' April 1994 dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ ("il-Ftehim TRIPS").

(18) Huwa xieraq li jiġi previst li ksur ta' trade mark jista' jiġi stabbilit biss jekk jinsab li l-marka jew is-sinjal ta' ksur jintuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ għal skopijiet ta' distinzjoni ta' oġġetti jew servizzi. L-użu tas-sinjal għal skopijiet oħra minbarra d-distinzjoni ta' oġġetti jew servizzi għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali.

(19) Il-kunċett ta' ksur ta' trade mark għandu jinkludi wkoll l-użu tas-sinjal bħal isem kummerċjali jew isem simili, sakemm tali użu jkun għall-iskopijiet ta' distinzjoni ta' oġġetti jew servizzi.

(20) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-konsistenza sħiħa ma' leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi previst li l-proprjetarju ta' trade mark għandu jkun intitolat li jipprojbixxi parti terza milli tuża sinjal f'riklamar komparattiv fejn tali riklamar komparattiv imur kontra d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(21) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-trade marks u tiġi miġġielda l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri skont il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari l-Artikolu V tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ dwar il-libertà ta' transitu u, fir-rigward tal-mediċini ġeneriċi, id-"Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika" adottata mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Doha fl-14 ta' Novembru 2001, il-proprjetarju ta' trade mark għandu jkun intitolat li jipprevjeni partijiet terzi milli jġibu oġġetti, fl-eżerċizzju tal-kummerċ, fl-Istat Membru fejn hi reġistrata t-trade mark mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali oġġetti jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li tkun identika jew essenzjalment identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali oġġetti.

(22) Għaldaqstant, għandu jkun permissibbli għall-proprjetarju ta' trade marks li jimpedixxu d-dħul ta' oġġetti li jikkostitwixxu ksur u t-tqegħid tagħhom fis-sitwazzjonijiet doganali kollha, inkluż, b'mod partikolari, it-transitu, it-trasbord, il-ħżin, iż-żoni liberi, il-ħżin temporanju, l-ipproċessar attiv jew l-ammissjoni temporanja, anke meta tali oġġetti mhumiex maħsuba li jitqiegħdu fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat. Fit-twettiq tal-kontrolli doganali, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jagħmlu użu mis-setgħat u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), anke fuq talba tad-detenturi tad-dritt. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom iwettqu l-kontrolli rilevanti abbażi tal-kriterji ta' analiżi tar-riskju.

([1]) Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15).

(23) Sabiex tiġi rikonċiljata l-ħtieġa li jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-drittijiet tat-trade mark mal-ħtieġa li jiġi evitat it-tfixkil għall-fluss ħieles ta' kummerċ f'oġġetti leġittimi, l-intitolament tal-proprjetarju tat-trade mark għandu jiskadi meta, matul il-proċedimenti sussegwenti mibdija quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew awtorità kompetenti oħra biex tittieħed deċiżjoni sostantiva dwar jekk it-trade mark reġistrata ġietx miksura, id-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti jkun jista' jagħti prova li l-proprjetarju tat-trade mark reġistrata mhux intitolat li jipprojbixxi t-tqegħid tal-oġġetti fis-suq fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

(24) L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 jipprevedi li detentur tad-dritt jinżamm responsabbli għad-danni fil-konfront tad-detentur tal-oġġetti meta, fost l-oħrajn, jinstab sussegwentement li l-oġġetti inkwistjoni ma jkunu qed jiksru l-ebda dritt ta' proprjetà intellettwali.

(25) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa bil-għan li jiġi żgurat it-tranżitu mingħajr xkiel ta' mediċini ġeneriċi. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet internazzjonali komuni (INN) li huma rikonoxxuti globalment bħala ismijiet ġeneriċi għal sustanzi attivi fi preparazzjonijiet farmaċewtiċi, huwa essenzjali li jittieħed kont debitu tal-limitazzjonijiet eżistenti fuq l-effett tad-drittijiet tat-trade marks. Konsegwentement, il-proprjetarju ta' trade mark ma għandux ikun intitolat li jimpedixxi lil parti terza milli ġġib oġġetti fi Stat Membru fejn tkun irreġistrata t-trade mark mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera hemmhekk abbażi ta' similaritajiet bejn l-INN għall-ingredjent attiv fil-mediċini u t-trade mark.

(26) Sabiex il-proprjetarji ta' trade marks reġistrati jkunu jistgħu jiġġieldu l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, huma għandhom ikunu intitolati li jipprojbixxu t-twaħħil ma' oġġetti ta' trade mark ta' ksur u li jsiru ċerti atti preparatorji qabel it-tali twaħħil.

(27) Id-drittijiet esklużivi mogħtija minn trade mark ma għandhomx jintitolaw lill-proprjetarju sabiex jipprojbixxi l-użu minn partijiet terzi ta' sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw b'mod ġust u għaldaqstant f'konformità mal-prattiki onesti fi kwistjonijiet industrijali u kummerċjali. Sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ugwali għall-ismijiet kummerċjali u t-trade marks fil-kuntest li l-ismijiet kummerċjali ġeneralment jingħataw protezzjoni mingħajr restrizzjoni kontra trade marks sussegwenti, tali użu għandu jitqies biss li jinkludi l-użu tal-isem personali tal-parti terza. Tali użu għandu jippermetti wkoll l-użu ta' sinjali deskrittivi jew mhux ta' natura distintiva jew indikazzjonijiet inġenerali. Barra minn hekk, il-proprjetarju ma għandux ikun intitolat li jipprevjeni l-użu ġust u onest tal-marka għall-iskop ta' identifikazzjoni ta' jew ir-referenza għall-oġġetti jew is-servizzi bħala li huma tal-proprjetarju. L-użu ta' trade mark li jsir minn partijiet terzi biex jiġbdu l-attenzjoni tal-konsumatur għar-rivendita ta' oġġetti ġenwini li oriġinarjament inbiegħu mill-proprjetarju tat-trade mark jew bil-kunsens tiegħu fl-Unjoni għandu jitqies bħala ġust sakemm ikun fl-istess ħin f'konformità ma' prattika onesta fi kwistjonijiet industrijali u kummerċjali. L-użu ta' trade mark li jsir minn partijiet terzi għall-fini ta' espressjoni artistika għandu jitqies bħala ġust sakemm ikun fl-istess ħin f'konformità ma' prattika onesta fi kwistjonijiet industrijali u kummerċjali. Barra minn hekk, din id-Direttiva għandha tiġi applikata b'mod li jiżgura r-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni.

(28) Mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija jsegwi li l-proprjetarju ta' trade mark ma għandux ikun intitolat jipprojbixxi l-użu tiegħu minn partijiet terzi fir-rigward ta' oġġetti li jkunu tpoġġew fiċ-ċirkulazzjoni fl-Unjoni, taħt it-trade mark, minnu jew bil-kunsens tiegħu, ħlief fejn il-proprjetarju jkollu raġunijiet leġittimi biex jopponi l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dawn l-oġġetti.

(29) Huwa importanti, għal raġunijiet ta' ċertezza legali li jsir provvediment biex, mingħajr preġudizzju għall-interessi tiegħu bħala proprjetarju ta' trade mark preċedenti, huwa ma jkunx jista' jitlob aktar dikjarazzjoni ta' invalidità jew jopponi l-użu ta' trade mark sussegwenti għat-trade mark tiegħu stess li tagħha huwa jkun konsapevolment ittollera l-użu għal tul ta' żmien sostanzjali, sakemm l-applikazzjoni għat-trade mark sussegwenti ma saritx in mala fede.

(30) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġu salvagwardati d-drittijiet tat-trade marks li ġew miksuba b'mod leġittimu, huwa xieraq u meħtieġ li jsir provvediment biex, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li t-trade mark sussegwenti ma tistax tkun infurzata kontra t-trade mark preċedenti, il-proprjetarji ta' trade marks preċedenti ma jkunux intitolati li jiksbu rifjut jew invalidità jew jopponu l-użu ta' trade mark sussegwenti jekk it-trade mark sussegwenti tkun inkisbet fiż-żmien meta t-trade mark preċedenti kienet suxxettibbli biex tkun dikjarata invalida jew revokata, pereżempju minħabba li ma tkunx għada kisbet id-distintività permezz tal-użu, jew jekk it-trade mark preċedenti ma setgħetx tkun infurzata kontra t-trade mark sussegwenti minħabba li l-kondizzjonijiet meħtieġa ma kinux applikabbli, pereżempju meta t-trade mark preċedenti ma kinitx għadha kisbet reputazzjoni.

(31) It-trade marks jissodisfaw l-għan tagħhom li jiddistingwu oġġetti jew servizzi u jippermettu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati biss meta dawn jintużaw verament fis-suq. Huwa meħtieġ ukoll rekwiżit tal-użu sabiex jitnaqqas l-għadd totali ta' trade marks reġistrati u protetti fl-Unjoni u, konsegwentement, l-għadd ta' kunflitti li jirriżultaw bejniethom. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun meħtieġ li trade marks reġistrati verament jintużaw b'konnessjoni mal-oġġetti jew servizzi li għalihom huma reġistrati, jew, jekk ma jintużawx f'dik il-konnessjoni fi żmien ħames snin mid-data tat-tlestija tal-proċedura tar-reġistrazzjoni, li jkunu suxxettibbli għal revoka.

(32) Konsegwentement, trade mark reġistrata għandha tkun protetta biss sa fejn din tintuża fil-verità u trade mark preċedenti reġistrata ma għandhiex tippermetti lill-proprjetarju jopponi jew jinvalida trade mark sussegwenti jekk dak il-proprjetarju ma kienx ġenwinament uża t-trade mark tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li trade mark ma tistax tiġi invokata b'suċċess fi proċedimenti ta' ksur jekk jiġi stabbilit bħala riżultat ta' eċċezzjoni li t-trade mark setgħet tiġi revokata jew, meta r-rikors isir kontra dritt sussegwenti, setgħet ġiet revokata fil-mument meta nkiseb id-dritt sussegwenti.

(33) Huwa xieraq li jiġi previst li, meta l-preċedenza ta' marka nazzjonali jew trade mark irreġistrata skont arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fl-Istat Membru tkun intalbet għal trade mark tal-UE u l-marka li tipprovdi l-bażi għat-talba ta' preċedenza wara tkun ġiet ċeduta jew tħalliet tiskadi, il-validità ta' dik il-marka xorta tista' tiġi kkontestata. Tali kontestazzjoni għandha tkun limitata għal sitwazzjonijiet fejn il-marka setgħet ġiet dikjarata invalida jew revokata fil-mument li hija tneħħiet mir-reġistru.

(34) Għal raġunijiet ta' koerenza u sabiex tiġi ffaċilitata l-isfruttament kummerċjali tat-trade marks fl-Unjoni, ir-regoli applikabbli għat-trade marks bħala oġġetti ta' proprjetà għandhom ikunu allinjati safejn xieraq ma' dawk li diġà huma fis-seħħ għat-trade marks tal-UE, u għandhom jinkludu regoli dwar l-assenjazzjoni u t-trasferiment, l-għoti ta' liċenzji, id-drittijiet *in rem* u l-imposta fuq l-eżekuzzjoni.

(35) It-trade marks kollettivi wrew li huma strument utli għall-promozzjoni ta' oġġetti jew ta' servizzi bi proprjetajiet komuni speċifiċi. Għaldaqstant huwa xieraq li t-trade marks kollettivi nazzjonali jkunu soġġetti għal regoli simili għar-regoli applikabbli għall-marki kollettivi tal-UE.

(36) Sabiex jittejjeb u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-protezzjoni tat-trade marks u biex tiżdied iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, il-proċedura għar-reġistrazzjoni tat-trade marks fl-Istati Membri għandha tkun effiċjenti u trasparenti u għandha ssegwi regoli simili għal dawk applikabbli għat-trade marks tal-UE.

(37) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tat-trade marks u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-protezzjoni tat-trade marks, id-denominazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi koperti minn applikazzjoni ta' trade mark għandhom isegwu l-istess regoli fl-Istati Membri kollha u għandhom ikunu allinjati ma' dawk applikabbli għat-trade marks tal-UE. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeterminaw kemm qed tintalab protezzjoni tat-trade mark abbażi tal-applikazzjoni waħedha, id-denominazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi għandha tkun suffiċjentement ċara u preċiża. L-użu ta' termini ġenerali għandu jkun interpretat bħala li jinkludi biss oġġetti u servizzi koperti b'mod ċar mit-tifsira litterali ta' terminu. Fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali għandhom jagħmlu dak li jistgħu, f'kooperazzjoni ma' xulxin, biex jiġbru lista li tirrifletti l-prattiki amministrattivi rispettivi tagħhom fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi.

(38) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva ta' trade mark, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni proċedura ta' oppożizzjoni amministrattiva effiċjenti, li jippermetti tal-inqas lill-proprjetarju tad-drittijiet ta' trade mark preċedenti u kwalunkwe persuna awtorizzata skont il-liġi rilevanti li teżerċita d-drittijiet li jirriżultaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika li jopponu r-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni ta' trade mark. Barra minn hekk, sabiex jiġu offruti mezzi effiċjenti ta' revoka ta' trade marks jew li jiġu ddikjarati invalidi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu proċedura amministrattiva għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità fil-perijodu ta' traspożizzjoni itwal ta' seba' snin, wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(39) Huwa kunsiljabbli li l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali jikkooperaw flimkien u mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma kollha ta' reġistrazzjoni u amministrazzjoni tat-trade marks sabiex tiġi promossal-konverġenza ta' prattiki u għodod, bħall-ħolqien u l-aġġornament ta' bażijiet ta' data komuni jew konnessi u portali għal finijiet ta' konsultazzjoni u tfittxija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-uffiċċji tagħhom jikkooperaw flimkien u mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma l-oħra kollha tal-attivitajiet tagħhom li huma rilevanti għall-protezzjoni tat-trade marks fl-Unjoni.

(40) Din id-Direttiva ma għandhiex teskludi li jkunu japplikaw għat-trade marks id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Istati Membri li jkunu diversi mil-liġi tat-trade marks, bħal dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni inġusta, ir-responsabbiltà ċivili jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

(41) L-Istati Membri kollha huma marbuta mill-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali ("il-Konvenzjoni ta' Pariġi") u l-Ftehim TRIPS. Huwa meħtieġ li din id-Direttiva jkunu għalkollox konsistenti ma' dik il-Konvenzjoni u dak il-Ftehim. L-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn dik il-Konvenzjoni u Ftehim ma għandhomx jiġu affettwati minn din id-Direttiva. Fejn xieraq, għandu jkun applikabbli t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 351 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(42) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex jitrawwem u jinħoloq suq intern li jiffunzjona tajjeb u biex ikunu ffaċilitati r-reġistrazzjoni, l-amministrazzjoni u l-protezzjoni ta' trade marks fl-Unjoni għall-benefiċċju tat-tkabbir u l-kompetittività, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(43) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tirregola l-ipproċessar tad-data personali li jsir fl-Istati Membri fil-kuntest ta' din id-Direttiva.

(44) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta opinjoni fil-11 ta' Lulju 2013.

(45) L-obbligu li tiġi trasposta din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(46) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri taħt id-Direttiva 2008/95/KE relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE ([3]) fil-liġi nazzjonali kif stabbilit fil-Parti B tal-Anness I għad-Direttiva 2008/95/KE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għal kull trade mark fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi li hija s-suġġett ta' reġistrazzjoni jew ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fi Stat Membru bħala trade mark individwali, garanzija jew marka ta' ċertifikazzjoni jew marka kollettiva, jew li hija s-suġġett ta' reġistrazzjoni jew ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali jew ta' reġistrazzjoni internazzjonali li jkollha effett fi Stat Membru.

([1]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([3]) L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "uffiċċju" tfisser l-uffiċċju ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istat Membru jew tal-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali inkarigat mir-reġistrazzjoni tat-trade marks;

(b) "reġistru" tfisser ir-reġistru ta' trade marks miżmum minn uffiċċju.

KAPITOLU 2

LIĠI SOSTANTIVA DWAR TRADE MARKS

TAQSIMA 1

Sinjali li jistgħu jikkostitwixxu trade mark

Artikolu 3

Sinjali li jistgħu jikkostitwixxu trade mark

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal, b'mod partikolari kliem, inklużi ismijiet personali, jew disinji, ittri, ċifri, kuluri, l-għamla ta' oġġetti jew l-imballaġġ ta' oġġetti, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

(a) jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra; u

(b) jiġu rrappreżentati fuq ir-reġistru b'mod li jippermetti li l-awtoritajiet kompetenti u l-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tagħha.

TAQSIMA 2

Raġunijiet għal rifjut jew invalidità

Artikolu 4

Raġunijiet assoluti għal rifjut jew invalidità

1. Dawn li ġejjin ma għandhomx jiġu rreġistrati jew, jekk jiġu rreġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli li jiġu ddikjarati invalidi:

(a) sinjali li ma jistgħux jikkostitwixxu trade mark;

(b) trade marks li ma għandhom l-ebda karattru ta' natura distintiva;

(c) trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw it-tip, kwalità, kwantità, skop intiż, valur, oriġini ġeografika, jew iż-żmien ta' produzzjoni tal-oġġetti jew tal-għoti tas-servizz, jew karatteristiċi oħra tal-oġġetti jew tas-servizzi;

(d) trade marks li jikkonsistu esklużivament minn sinjali jew indikazzjonijiet li saru konswetudinarji fil-lingwa kurrenti jew fil-prattika bona fide u stabbilita tal-kummerċ;

(e) sinjali li jikkonsistu esklużivament minn:

(i) l-għamla, jew karatteristika oħra, li tirriżulta min-natura tal-oġġetti stess;

(ii) l-għamla, jew karatteristika oħra, ta' oġġetti li tkun meħtieġa sabiex jinkiseb riżultat tekniku;

(iii) l-għamla, jew karatteristika oħra, li tagħti valur sostanzjali lill-oġġetti;

(f) trade marks li jkunu kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal prinċipji aċċettati ta' moralità;

(g) trade marks li jkunu ta' tali natura li jqarrqu l-pubbliku, pereżempju dwar in-natura, kwalità jew oriġini ġeografika tal-oġġetti jew tas-servizz;

(h) trade marks li ma ġewx awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jiġu rifjutati jew iddikjarati invalidi skont l-Artikolu 6b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi;

(i) trade marks li huma esklużi mir-reġistrazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jew ma' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istat Membru kkonċernat ikunu partijiet, għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi;

(j) trade marks li huma esklużi mir-reġistrazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni hija parti, għall-protezzjoni ta' termini tradizzjonali għall-inbid;

(k) trade marks li huma esklużi mir-reġistrazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni hija parti, għall-protezzjoni ta' speċjalitajiet tradizzjonali garantiti;

(l) trade marks li jikkonsistu fi, jew jirriproduċu fl-elementi essenzjali tagħhom, denominazzjoni preċedenti ta' varjetà ta' pjanta rreġistrata f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jew ma' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istat Membru kkonċernat ikunu partijiet, li jipprovdu protezzjoni għad-drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti, u li huma, fir-rigward ta' varjetajiet ta' pjanti, tal-istess speċi jew ta' speċi relatati mill-qrib.

2. Trade mark għandha tkun suxxettibbli li tiġi ddikjarata invalida meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tkun saret in mala fede mill-applikant. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprevedi wkoll li tali trade mark ma għandhiex tiġi rreġistrata.

3. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprevedi li trade mark ma għandhiex tiġi rreġistrata jew, jekk irreġistrata, li għandha tkun suxxettibbli li tiġi ddikjarata invalida jekk u sa fejn:

(a) l-użu ta' dik it-trade mark jista' jkun projbit skont dispożizzjonijiet ta' liġi diversa mil-liġi tat-trade marks tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Unjoni;

(b) it-trade mark tinkludi sinjal ta' valur simboliku kbir, b'mod partikolari simbolu reliġjuż;

(c) it-trade mark tinkludi badges, emblemi u tarki li jkunu diversi minn dawk koperti mill-Artikolu 6b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u li jkunu ta' interess pubbliku, sakemm ma ngħatax il-kunsens tal-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tagħha f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru.

4. Trade mark ma għandhiex tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni skont il-paragrafu 1(b), (c) jew (d) jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, wara l-użu li jkun sar minnha, hi tkun akkwistat karattru ta' natura distintiva. Trade mark ma għandhiex tkun iddikjarata bħala invalida għall-istess raġunijiet jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, wara l-użu li jkun sar minnha, hi tkun akkwistat karattru ta' natura distintiva.

5. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprovdi li l-paragrafu 4 għandu japplika wkoll fejn il-karattru ta' natura distintiva kienet akkwistata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni iżda qabel id-data tar-reġistrazzjoni.

Artikolu 5

Raġunijiet relattivi għal rifjut jew invalidità

1. Trade mark ma għandhiex tiġi rreġistrata jew, jekk irreġistrata, għandha tkun suxxettibbli li tiġi ddikjarata invalida fejn:

(a) hija tkun identika għal trade mark preċedenti, u l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom qed issir l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikunu identiċi għall-oġġetti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark preċedenti hi protetta;

(b) minħabba l-identità tagħha ma', jew similarità ma', it-trade mark preċedenti u l-identità jew is-similarità tal-oġġetti jew is-servizzi koperti mit-trade marks, teżisti l-probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-probabbiltà ta' assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

2. "Trade marks preċedenti" skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tfisser:

(a) trade marks tat-tipi li ġejjin b'data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tkun preċedenti għad-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, b'kont meħud, fejn xieraq, tal-prijoritajiet pretiżi fir-rigward ta' dawk it-trade marks:

   (i) trade marks tal-UE;

   (ii) trade marks reġistrati fl-Istat Membru kkonċernat jew, fil-każ tal-Belġju, il-Lussemburgu jew in-Netherlands, fl-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali;

   (iii) trade marks reġistrati taħt arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) trade marks tal-UE li fir-rigward tagħhom tiġi ġustifikament invokata preċedenza, skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009, ta' trade mark imsemmija fil-punti (a)(ii) u (iii), anke jekk din it-trade mark tal-aħħar ġiet ċeduta jew tħalliet tiskadi;

(c) applikazzjonijiet għat-trade marks imsemmija fil-punti (a) u (b), soġġett għar-reġistrazzjoni tagħhom;

(d) trade marks li, fid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, jew, fejn xieraq, tal-prijorità pretiża fir-rigward tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, huma magħrufa sew fl-Istat Membru kkonċernat, fis-sens li fih il-kliem "magħrufa sew" huma użati fl-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

3. Barra minn hekk, trade mark ma għandhiex tiġi rreġistrata jew, jekk irreġistrata, għandha tkun suxxettibbli li tiġi ddikjarata invalida fejn:

(a) hija tkun identika, jew simili, għal trade mark preċedenti irrispettivament minn jekk l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom hija applikata jew reġistrata huma identiċi ma', jew simili jew mhumiex simili għal dawk li għalihom it-trade mark preċedenti hija reġistrata, fejn it-trade mark preċedenti jkollha reputazzjoni fl-Istat Membru li fir-rigward tiegħu qed issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew li fih hija rreġistrata t-trade mark jew, fil-każ ta' trade mark tal-UE, għandha reputazzjoni fl-Unjoni u l-użu tat-trade mark sussegwenti, mingħajr raġuni valida, jieħu vantaġġ inġust mill-karattru ta' natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew ikun ta' detriment għalihom;

(b) aġent jew rappreżentant tal-proprjetarju tat-trade mark japplika għar-reġistrazzjoni tagħha f'ismu stess mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarju, sakemm l-aġent jew ir-rappreżentant ma jiġġustifikax l-azzjoni tiegħu;

(c) sa fejn, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat li qed tipprevedi l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi:

(i) applikazzjoni għal denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika kienet diġà ġiet ippreżentata skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat qabel id-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark jew id-data tal-prijorità pretiża għall-applikazzjoni, soġġetta għar-reġistrazzjoni sussegwenti tagħha;

(ii) dik id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika tikkonferixxi fuq il-persuna awtorizzata skont il-liġi rilevanti, li teżerċita d-drittijiet li jirriżultaw minn dan id-dritt li tipprojbixxi l-użu ta' trade mark sussegwenti.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprovdi li trade mark ma għandhiex tiġi rreġistrata jew li, jekk irreġistrata, għandha tkun suxxettibbli li tiġi ddikjarata invalida jekk, u sa fejn:

(a) id-drittijiet għal trade mark mhux reġistrata jew għal sinjal ieħor użat fl-eżerċizzju tal-kummerċ ġew miksuba qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti, jew id-data tal-prijorità pretiża għall-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti, u dik it-trade mark mhix reġistrata jew sinjal ieħor jagħtu lill-proprjetarju tagħhom id-dritt li jipprojbixxi l-użu tat-trade mark sussegwenti;

(b) l-użu tat-trade mark jista' jkun projbit permezz ta' dritt preċedenti divers mid-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari:

(i) xi dritt għal isem;

(ii) xi dritt għal immaġini personali;

(iii) xi dritt tal-awtur;

(iv) xi dritt ta' proprjetà industrijali;

(c) fejn it-trade mark hija suxxettibbli li tkun konfuża ma' trade mark preċedenti protetta barra l-Unjoni, dment li, fid-data tal-applikazzjoni, l-applikant kien qed jaġixxi in mala fede;

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'ċirkostanzi xierqa, ma jkunux hemm l-obbligu ta' rifjut tar-reġistrazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark fejn il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti jew ta' dritt preċedenti ieħor jagħti l-kunsens tiegħu għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti.

6. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprovdi li, bħala deroga mill-paragrafi 1 sa 5, ir-raġunijiet għar-rifjut ta' reġistrazzjoni jew invalidità fis-seħħ f'dak l-Istat Membru qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għal konformità mad-Direttiva 89/104/KEE, għandhom japplikaw għal trade marks li għalihom saret applikazzjoni qabel dik id-data.

Artikolu 6

Stabbiliment a posteriori ta' invalidità jew revoka ta' trade mark

Fejn il-preċedenza ta' trade mark nazzjonali jew ta' trade mark reġistrata taħt arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fl-Istat Membru, li ġiet ċeduta jew li tħalliet tiskadi, tiġi invokata għal trade mark tal-UE, l-invalidità jew ir-revoka tat-trade mark li tipprovdi l-bażi għat-talba ta' preċedenza tista' tiġi stabbilita a posteriori, sakemm l-invalidità jew ir-revoka tkun setgħet ġiet iddikjarata fil-ħin li l-marka ġiet ċeduta jew tħalliet tiskadi. F'każ bħal dan il-preċedenza għandha tieqaf milli tipproduċi l-effetti tagħha.

Artikolu 7

Raġunijiet għal rifjut jew invalidità fir-rigward ta' xi wħud biss mill-oġġetti jew is-servizzi

Fejn jeżistu raġunijiet għar-rifjut ta' reġistrazzjoni jew l-invalidità ta' trade mark fir-rigward xi wħud biss mill-oġġetti jew is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' dik it-trade mark, ir-rifjut tar-reġistrazzjoni jew l-invalidità għandhom ikopru biss dawk l-oġġetti jew dawk is-servizzi.

Artikolu 8

Nuqqas ta' karattru distintiv jew ta' reputazzjoni ta' trade mark preċedenti li tipprekludi dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark reġistrata

Applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità abbażi ta' trade mark preċedenti ma għandhiex tintlaqa' fid-data tal-applikazzjoni għall-invalidità jekk ma kinitx milqugħa fid-data tad-domanda għat-trade mark jew fid-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) it-trade mark preċedenti, suxxettibbli li tiġi dikjarata invalida skont l-Artikolu 4(1)(b), (c) jew (d), kienet għadha ma kisbitx karattru ta' natura distintiva kif imsemmi fl-Artikolu 4(4);

(b) l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija bbażata fuq l-Artikolu 5(1)(b) u t-trade mark preċedenti kienet għadha ma saritx biżżejjed distinta biex tappoġġa sejba ta' probabbiltà ta' konfużjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1)(b);

(c) l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija bbażata fuq l-Artikolu 5(3)(a) u t-trade mark preċedenti kienet għadha ma kisbitx reputazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3)(a).

Artikolu 9

Preklużjoni ta' dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba tolleranza

1. Fejn, fi Stat Membru, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) jew fl-Artikolu 5(3)(a) ikun ittollera, għal perijodu ta' ħames snin suċċessivi, l-użu ta' trade mark sussegwenti reġistrata f'dak l-Istat Membru filwaqt li kien konxju ta' tali użu, dak il-proprjetarju ma għandux ikun aktar intitolat, abbażi tat-trade mark preċedenti, li japplika għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark sussegwenti fir-rigward tal-oġġetti jew servizzi li għalihom ġiet użata t-trade mark sussegwenti, sakemm l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti ma kinitx saret in mala fede.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għall-proprjetarju ta' kwalunkwe dritt ieħor preċedenti msemmi fl-Artikolu 5(4)(a) jew (b).

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-proprjetarju ta' trade mark sussegwenti reġistrata ma għandux ikun intitolat jopponi għall-użu tad-dritt preċedenti, anki jekk dak id-dritt ma jistax jiġi aktar invokat kontra t-trade mark sussegwenti.

TAQSIMA 3

Drittijiet mogħtija u limitazzjonijiet

Artikolu 10

Drittijiet mogħtija minn trade mark

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi b'rabta magħha.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetarji li jkunu nkisbu qabel id-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità tat-trade mark reġistrata, il-proprjetarju dik it-trade mark reġistrata għandu jkun intitolat li jimpedixxi li kull parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ, b'rabta ma' oġġetti jew servizzi, kwalunkwe sinjal fejn:

(a) is-sinjal ikun identiku għat-trade mark u jintuża b'rabta ma' oġġetti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark;

(b) is-sinjal ikun identiku, jew simili, għat-trade mark u jintuża relattivament għal oġġetti jew servizzi li huma identiċi jew simili għall-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, jekk teżisti l-probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

(c) is-sinjal ikun identiku, jew simili, għat-trade mark irrispettivament minn jekk jintużax b'rabta ma' oġġetti jew servizzi li huma identiċi, simili jew mhux simili għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, fejn din tal-aħħar ikollha reputazzjoni fl-Istat Membru u fejn l-użu ta' dak is-sinjal mingħajr raġuni valida jikkostitwixxi vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trade mark jew huwa ta' detriment għalihom.

3. Dawn li ġejjin, b'mod partikolari, jistgħu jiġu pprojbiti taħt il-paragrafu 2:

(a) it-twaħħil tas-sinjal fuq l-oġġetti jew l-imballaġġ tagħhom;

(b) l-offerta tal-oġġetti jew it-tqegħid tagħhom fis-suq, jew il-ħażna tagħhom għal dawk l-għanijiet taħt is-sinjal, jew l-offerta jew il-provvista ta' servizzi taħt dan is-sinjal;

(c) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-oġġetti taħt is-sinjal;

(d) l-użu tas-sinjal bħala l-isem tal-kummerċ jew tal-kumpannija jew bħala parti mill-isem tal-kummerċ jew tal-kumpannija;

(e) l-użu tas-sinjal fuq il-karti tan-negozju u fir-riklamar;

(f) l-użu tas-sinjal f'riklamar komparattiv b'tali mod li jmur kontra d-Direttiva 2006/114/KE.

4. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetarji li jkunu nkisbu qabel id-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità tat-trade mark reġistrata, il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun ukoll intitolat li jimpedixxi li kwalunkwe parti terza ddaħħal fl-eżerċizzju tal-kummerċ oġġetti fl-Istat Membru fejn it-trade mark tkun reġistrata, mingħajr ma dawn ikunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali oġġetti, inkluż l-imballaġġ tagħhom, jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom trade mark mingħajr awtorizzazzjoni li tkun identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali oġġetti, jew li ma tkunx tista' tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

Id-dritt tal-proprjetarju tat-trade mark skont l-ewwel subparagrafu għandu jiskadi jekk matul il-proċedimenti biex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ksur għat-trade mark reġistrata, mibdija f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tingħata evidenza mid-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti li l-proprjetarju tat-trade mark reġistrata mhuwiex intitolat li jipprojbixxi t-tqegħid tal-oġġetti fis-suq fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

5. Fejn, skont il-liġi ta' Stat Membru, l-użu ta' sinjal skont il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(b) jew (c) ma jistax jiġi pprojbit qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mad-Direttiva 89/104/KEE fl-Istat Membru kkonċernat, id-drittijiet mogħtija mit-trade mark ma jistgħux jiġu invokati biex jiġi impedit l-użu kontinwu tas-sinjal.

6. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 5 ma għandhom jaffettwaw id-dispożizzjonijiet applikabbli fl-ebda Stat Membru rigward il-protezzjoni kontra l-użu ta' sinjal ħlief għal użu għal finijiet li jiddistingwu oġġetti jew servizzi, fejn l-użu ta' dak is-sinjal mingħajr raġuni valida, jieħu vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trade mark jew huwa ta' detriment għalihom.

Artikolu 11

Id-dritt ta' projbizzjoni ta' atti preparatorji fir-rigward tal-użu tal-imballaġġ jew ta' mezzi oħra

Fejn ikun jeżisti r-riskju li l-imballaġġ, it-tikketti, it-tabelli, il-karatteristiċi jew l-apparat ta' sigurtà jew ta' awtentiċità, jew kwalunkwe mezz ieħor li fuqu hi mwaħħla t-trade mark, jistgħu jintużaw fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi u li dak l-użu ikun jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark taħt l-Artikolu 10(2) u (3), il-proprjetarju għandu jkollu d-dritt li jipprojbixxi l-azzjonijiet li ġejjin jekk dawn jitwettqu fl-eżerċizzju tal-kummerċ:

(a) it-twaħħil ta' sinjal identiku jew simili għat-trade mark fuq l-imballaġġ, it-tikketti, it-tabelli, il-karatteristiċi jew l-apparat ta' sigurtà jew ta' awtentiċità jew kwalunkwe mezz ieħor li fuqu tista' titwaħħal il-marka;

(b) l-offerta jew it-tqegħid fis-suq, jew il-ħażna għal dawn l-għanijiet, jew l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' imballaġġ, tikketti, tabelli, karatteristiċi jew apparat ta' sigurtà jew ta' awtentiċità jew kwalunkwe mezz ieħor li fuqu hi mwaħħla l-marka.

Artikolu 12

Riproduzzjoni ta' trade marks fid-dizzjunarji

Jekk ir-riproduzzjoni ta' trade mark f'dizzjunarju, enċiklopedija jew xogħol ta' referenza simili f'forma stampata jew elettronika tagħti l-impressjoni li din tikkostitwixxi l-isem ġeneriku tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, il-pubblikatur tax-xogħol għandu, fuq it-talba tal-proprjetarju tat-trade mark, jiżgura li r-riproduzzjoni tat-trade mark tiġi akkumpanjata, mingħajr dewmien, u fil-każ ta' xogħlijiet f'forma stampata sa mhux iktar tard mill-edizzjoni sussegwenti tal-pubblikazzjoni, minn indikazzjoni li din hija trade mark reġistrata.

Artikolu 13

Projbizzjoni tal-użu ta' trade mark reġistrata f'isem aġent jew rappreżentant

1. Meta trade mark tkun reġistrata fl-isem ta' aġent jew ta' rappreżentant ta' persuna li hija l-proprjetarju ta' dik it-trade mark, mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju, dan tal-aħħar għandu jkun intitolat għal waħda mill-azzjonijiet li ġejjin jew għat-tnejn li huma:

(a) oppożizzjoni għall-użu tat-trade mark mill-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu;

(b) talba għall-assenjazzjoni tat-trade mark favurih.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-aġent jew ir-rappreżentant jiġġustifika l-azzjoni tiegħu.

Artikolu 14

Limitazzjoni tal-effetti ta' trade mark

1. Trade mark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi li parti terza tuża, fl-eżerċizzju tal-kummerċ:

(a) l-isem jew l-indirizz tal-parti terza, fejn dik il-parti terza tkun persuna fiżika;

(b) sinjali jew indikazzjonijiet li mhumiex distinti jew li jirrigwardaw it-tip, il-kwalità, il-kwantità, l-iskop intiż, il-valur, l-oriġini ġeografika, iż-żmien għall-produzzjoni tal-oġġetti jew għall-għoti tas-servizz, jew xi karatteristika oħra tal-oġġetti jew is-servizzi;

(c) it-trade mark bil-għan li tidentifika jew tagħmel referenza għal oġġetti jew servizzi bħala l-oġġetti jew is-servizzi tal-proprjetarju ta' dik it-trade mark, b'mod partikolari, fejn l-użu tat-trade mark ikun meħtieġ sabiex wieħed jindika l-iskop intiż ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari fir-rigward ta' aċċessorji jew partijiet ta' sostituzzjoni.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss meta l-użu li jsir mill-parti terza jkun f'konformità mal-prattiki onesti f'kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali.

3. Trade mark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi parti terza milli tuża, fl-eżerċizzju tal-kummerċ, dritt preċedenti li japplika biss f'lokalità partikolari jekk dak id-dritt ikun rikonoxxut mil-liġi tal-Istat Membru inkwistjoni u l-użu ta' dak id-dritt ikun fil-limiti tat-territorju li fih ikun rikonoxxut.

Artikolu 15

Eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trade mark

1. Trade mark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu tagħha fir-rigward ta' oġġetti li tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni taħt dik it-trade mark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tal-proprjetarju.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-proprjetarju jkollu raġunijiet leġittimi biex jopponi l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-oġġetti, speċjalment meta l-kondizzjoni tal-oġġetti tinbidel jew issirilha l-ħsara wara li t-tqegħid tal-oġġetti fis-suq.

Artikolu 16

Użu ta' trade marks

1. Jekk, fi żmien ħames snin wara d-data li fiha titlesta l-proċedura tar-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark fl-Istat Membru f'konnessjoni mal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, jew jekk dan l-użu ġie sospiż għal perijodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark għandha tkun soġġetta għal-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 17, l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 44(1) u (2) u l-Artikolu 46(3) u (4), sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin għal dan in-nuqqas ta' użu.

2. Fejn Stat Membru jipprovdi għal proċedimenti ta' oppożizzjoni konsegwentement għal reġistrazzjoni, il-perijodu ta' ħames snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat mid-data meta l-marka ma tistax tiġi opposta aktar jew, f'każ li ġiet ippreżentata oppożizzjoni, mid-data meta deċiżjoni li ttemm il-proċedimenti ta' oppożizzjoni saret finali jew l-oppożizzjoni ġiet irtirata.

3. Fir-rigward tat-trade marks irreġistrati skont arranġamenti internazzjonali u li għandhom effett fl-Istat Membru, il-perijodu ta' ħames snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat mid-data meta l-marka ma tistax tiġi rrifjutata jew opposta aktar. Jekk ġiet ippreżentata oppożizzjoni jew jekk ġiet innotifikata oġġezzjoni abbażi ta' raġunijiet assoluti jew relattivi, il-perijodu għandu jiġi kkalkulat mid-data meta deċiżjoni li ttemm il-proċedimenti ta' oppożizzjoni jew deċiżjoni li tirregola abbażi ta' raġunijiet assoluti jew relattivi għar-rifjut saret finali jew l-oppożizzjoni ġiet irtirata.

4. Id-data tal-bidu tal-perijodu ta' ħames snin, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, għandha tiddaħħal fir-reġistru.

5. Dawn li ġejjin għandhom ukoll jikkostitwixxu użu fis-sens tal-paragrafu 1:

(a) l-użu tat-trade mark f'forma li hija differenti fir-rigward tal-elementi li ma jbiddlux in-natura distintiva tal-marka fil-forma li fiha ġiet irreġistrata, irrilevanti minn jekk it-trade mark, fil-forma użata, hijiex ukoll reġistrata fl-isem tal-proprjetarju;

(b) it-twaħħil tat-trade mark fuq oġġetti jew mal-imballaġġ tagħhom fl-Istat Membru konċernat, għall-finijiet ta' esportazzjoni biss.

6. L-użu tat-trade mark bil-kunsens tal-proprjetarju għandu jitqies bħala użu mill-proprjetarju.

Artikolu 17

Nuqqas ta' użu bħala difiża fil-proċedimenti ta' ksur

Il-proprjetarju ta' trade mark għandu jkun intitolat li jipprojbixxi l-użu ta' sinjal biss sal-punt li d-drittijiet tal-proprjetarju ma jkunux soġġetti għal revoka skont l-Artikolu 19 meta jsir ir-rikors għal ksur. Jekk il-konvenut jitlob dan, il-proprjetarju tat-trade mark għandu jagħti prova li, matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data meta jsir ir-rikors, it-trade mark intużat b'mod ġenwin kif previst fl-Artikolu 16 b'rabta mal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark u li huma kkwotati bħala ġustifikazzjoni għar-rikors, jew li hemm raġunijiet tajbin għan-nuqqas ta' użu, dment li fid-data meta jsir ir-rikors l-proċedura tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tkun ilha li tlestiet tal-inqas ħames snin.

Artikolu 18

Dritt ta' intervent tal-proprjetarju ta' trade mark reġistrata sussegwenti bħala difiża fi proċedimenti ta' ksur

1. Fil-proċedimenti ta' ksur, il-proprjetarju ta' trade mark ma għandux ikun intitolat li jipprojbixxi l-użu ta' marka reġistrata sussegwenti meta dik it-trade mark sussegwenti ma tiġix iddikjarata invalida skont l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(1) jew (2) jew l-Artikolu 46(3).

2. Fil-proċedimenti ta' ksur, il-proprjetarju ta' trade mark ma għandux ikun intitolat li jipprojbixxi l-użu ta' trade mark tal-UE reġistrata sussegwenti meta dik it-trade mark sussegwenti ma tiġix iddikjarata invalida skont l-Artikoli 53(1), (3) jew (4), 54(1) jew (2) jew 57(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

3. Fejn il-proprjetarju ta' trade mark ma jkunx intitolat li jipprojbixxi l-użu ta' trade mark reġistrata sussegwenti skont il-paragrafi 1 u 2, il-proprjetarju ta' dik it-trade mark reġistrata sussegwenti ma għandux ikun intitolat li jipprojbixxi l-użu tat-trade mark preċedenti fil-proċedimenti ta' ksur, anke jekk dak id-dritt preċedenti ma jistax jiġix invokat aktar kontra t-trade mark sussegwenti.

TAQSIMA 4

Revoka tad-drittijiet tat-trade mark

Artikolu 19

Nuqqas ta' użu ġenwin bħala raġuni għal revoka

1. Trade mark għandha tkun soġġetta għal revoka jekk, f'perijodu kontinwu ta' ħames snin, ma tkunx ġiet użata b'mod ġenwin fl-Istat Membru b'rabta mal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet tajbin għal dan in-nuqqas ta' użu.

2. Ħadd ma jista' jitlob ir-revoka tad-drittijiet ta' proprjetarju fi trade mark meta, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perijodu ta' ħames snin u meta ssir l-applikazzjoni għal revoka, l-użu ġenwin tat-trade mark inbeda jew tkompla mill-ġdid.

3. Il-bidu jew l-issoktar tal-użu tat-trade mark, fi żmien il-perijodu ta' tliet xhur qabel ma ssir l-applikazzjoni għar-revoka u mhux qabel l-iskadenza tal-perijodu mhux interrott ta' ħames snin ta' nuqqas ta' użu, ma għandhomx jitqiesu meta t-tħejjijiet għall-bidu jew l-issoktar isiru biss wara li l-proprjetarju jsir konxju li tista' ssir l-applikazzjoni għal revoka.

Artikolu 20

Trade mark li tkun saret ġenerika jew indikazzjoni qarrieqa bħala raġunijiet għal revoka

Trade mark tista' tiġi rrevokata jekk, wara d-data li fiha tkun ġiet irreġistrata:

(a) bħala riżultat tal-attività jew in-nuqqas ta' attività tal-proprjetarju, tkun saret l-isem komuni fil-kummerċ għal oġġett jew servizz li għalihom ġiet irreġistrata;

(b) bħala riżultat tal-użu li jsir minnha mill-proprjetarju tat-trade mark jew bil-kunsens tal-proprjetarju fir-rigward tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom hi ġiet irreġistrata, hija tista' tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, il-kwalità jew l-oriġini ġeografika ta' dawk l-oġġetti jew servizzi.

Artikolu 21

Revoka li tapplika biss għal uħud mill-oġġetti jew is-servizzi

Jekk ir-raġunijiet għar-revoka ta' trade mark jeżistu fir-rigward ta' wħud biss mill-oġġetti jew is-servizzi li għalihom dik it-trade mark ġiet irreġistrata, ir-revoka għandha tkopri biss dawk l-oġġetti jew servizzi.

TAQSIMA 5

Trade marks bħala oġġetti ta' proprjetà

Artikolu 22

Trasferiment ta' trade marks reġistrati

1. Trade mark tista', separatament minn kwalunkwe trasferiment tal-impriża, tiġi trasferita fir-rigward tal-oġġetti jew is-servizzi kollha li għalihom ġiet irreġistrata jew fir-rigward ta' wħud minnhom.

2. It-trasferiment tal-impriża kollha għandu jinkludi t-trasferiment tat-trade mark ħlief meta jkun hemm qbil kuntrarju jew meta ċ-ċirkostanzi jiddettaw biċ-ċar mod ieħor. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-obbligu kuntrattwali biex isir it-trasferiment tal-impriża.

3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri li jippermettu r-reġistrazzjoni tat-trasferimenti fir-reġistri tagħhom.

Artikolu 23

Drittijiet in rem

1. Trade mark tista', b'mod indipendenti mill-impriża, tingħata bħala garanzija jew tkun is-suġġett ta' drittijiet *in rem*.

2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri li jippermettu r-reġistrazzjoni tad-drittjiet *in rem* fir-reġistri tagħhom.

Artikolu 24

Eżekuzzjoni furzata

1. Trade mark tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' eżekuzzjoni furzata.

2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri li jippermettu r-reġistrazzjoni tal-eżekuzzjoni furzata fir-reġistri tagħhom.

Artikolu 25

Għoti ta' liċenzji

1. Trade mark tista' tingħata liċenzja għall-oġġetti jew is-servizzi kollha li għalihom ġiet irreġistrata jew għal wħud minnhom u għat-territorju kollu tal-Istat Membru konċernat jew għal parti minnu. Liċenzja tista' tkun esklużiva jew nonesklużiva.

2. Il-proprjetarju ta' trade mark jista' jinvoka d-drittijiet mogħtija minn dik it-trade mark kontra detentur ta' liċenzja li jikser kwalunkwe dispożizzjoni fil-kuntratt tiegħu tal-għoti ta' liċenzja dwar:

(a) it-tul taż-żmien tagħha;

(b) il-forma koperta mir-reġistrazzjoni li fiha tista' tintuża t-trade mark;

(c) in-natura tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ingħatat il-liċenzja;

(d) it-territorju fejn it-trademark tista' titwaħħal; jew

(e) il-kwalità tal-oġġetti manifatturati jew tas-servizzi provduti mid-detentur ta' liċenzja.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt tal-għoti ta' liċenzja, id-detentur ta' liċenzja ma jistax iressaq proċedimenti ta' ksur ta' trade mark ħlief bil-kunsens tal-proprjetarju b'rabta ma' dan. Madanakollu, id-detentur ta' liċenzja esklużiva jista' jressaq tali proċedimenti jekk, b'segwitu għal avviż formali, il-proprjetarju tat-trade mark ma jressaqx huwa stess proċedimenti ta' ksur f'perijodu ta' żmien xieraq.

4. Id-detentur ta' liċenzja għandu jkun intitolat li jintervjeni fi proċedimenti ta' ksur imressqin mill-proprjetarju tat-trade mark, sabiex jikseb kumpens għad-danni li jkun sofra.

5. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri li jippermettu r-reġistrazzjoni ta' liċenzji fir-reġistri tagħhom.

Artikolu 26

Applikazzjonijiet għal trade mark bħala oġġett ta' proprjetà

L-Artikoli 22 sa 25 għandhom japplikaw għal applikazzjonijiet għal trade marks.

TAQSIMA 6

Marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni u marki kollettivi

Artikolu 27

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "marka ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni" tfisser trade mark li tiġi deskritta b'dan il-mod meta ssir l-applikazzjoni għaliha u hija kapaċi tagħmel distinzjoni bejn l-oġġetti jew is-servizzi li huma ċċertifikati mill-proprjetarju tal-marka fir-rigward tal-materjal, il-metodu ta' manifattura tal-oġġetti jew il-prestazzjoni tas-servizzi, il-kwalità, il-preċiżjoni jew karatteristiċi oħra u l-oġġetti jew is-servizzi li mhumiex ċċertifikati b'dan il-mod;

(b) "marka kollettiva" tfisser trade mark li tiġi deskritta b'dan il-mod meta ssir l-applikazzjoni għaliha u hija kapaċi tagħmel distinzjoni bejn l-oġġetti jew is-servizzi tal-membri ta' assoċjazzjoni li hija il-proprjetarja tal-marka u l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriżi oħra.

Artikolu 28

Marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għar-reġistrazzjoni ta' marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni.

2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet u l-korpi rregolati mil-liġi pubblika, tista' tapplika għal marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni dment li tali persuna ma tmexxix negozju li jinvolvi l-forniment ta' oġġetti jew servizzi tat-tip iċċertifikat.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li marka ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni ma għandhiex tiġi rreġistrata, sakemm l-applikant ma jkunx kompetenti biex jiċċertifika l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom għandha tiġi reġistrata l-marka.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni ma għandhomx jiġu rreġistrati, jew għandhom jiġu rrevokati jew iddikjarati invalidi, għal raġunijiet oħra minbarra dawk speċifikati fl-Artikoli 4, 19 u 20 sa fejn meħtieġ mill-funzjoni ta' dawk il-marki.

4. B'deroga mill-Artikolu 4(1)(c), l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li s-sinjali jew l-indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, biex jindikaw l-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew is-servizzi jistgħu jikkostitwixxu marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni. Marka ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni bħal din ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi parti terza milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ dawn is-sinjali jew indikazzjonijiet, dment li dik il-parti terza tużahom f'konformità mal-prattiki onesti f'kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali. B'mod partikolari, tali marka ma tistax tiġi invokata kontra parti terza li hija intitolata tuża isem ġeografiku.

5. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 jiġu sodisfatti meta kwalunkwe persuna li għandha l-awtorità li tuża l-marka ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni tużaha b'mod ġenwin f'konformità mal-Artikolu 16.

Artikolu 29

Marki kollettivi

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu r-reġistrazzjoni tal-marki kollettivi.

2. Assoċjazzjonijiet ta' manifatturi, produtturi, fornituri ta' servizzi jew negozjanti li, skont it-termini tal-liġi li tirregolahom, għandhom l-kapaċità li f'isimhom stess ikollhom drittijiet u obbligi, li jagħmlu kuntratti jew iwettqu atti ġuridiċi oħra, u li jħarrku u jiġu mħarrka, kif ukoll persuni ġuridiċi rregolati mil-liġi pubblika, jistgħu japplikaw għall-marki kollettivi.

3. B'deroga mill-Artikolu 4(1)(c), l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li s-sinjali jew l-indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, biex jindikaw l-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew is-servizzi jistgħu jikkostitwixxu marki kollettivi. Marka kollettiva bħal din ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi parti terza milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ dawn is-sinjali jew indikazzjonijiet, dment li dik il-parti terza tużahom f'konformità mal-prattiki onesti f'kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali. B'mod partikolari, tali marka ma tistax tiġi invokata kontra parti terza li hija intitolata tuża isem ġeografiku.

Artikolu 30

Regolamenti dwar l-użu tal-marka kollettiva

1. Persuna li tapplika għal marka kollettiva għandha tippreżenta lill-uffiċċju, ir-regolamenti li jirregolaw l-użu tagħha.

2. Ir-regolamenti dwar l-użu għandhom tal-inqas jispeċifikaw il-persuni awtorizzati li jużaw il-marka, il-kondizzjonijiet għall-isħubija tal-assoċjazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-użu tal-marka, inklużi s-sanzjonijiet. Ir-regolamenti dwar l-użu ta' marka msemmija fl-Artikolu 29(3) għandhom jawtorizzaw lil kwalunkwe persuna, li l-oġġetti jew is-servizzi tagħha joriġinaw miż-żona ġeografika konċernata, issir membru tal-assoċjazzjoni li hija l-proprjetarja tal-marka, dment li l-persuna tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha l-oħra tar-regolamenti.

Artikolu 31

Rifjut ta' applikazzjoni

1. Minbarra r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni għal trade mark stipulati fl-Artikolu 4, fejn xieraq bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(1)(c) dwar sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, biex jindikaw l-oriġini ġeografika taloġġetti jew is-servizzi, u fl-Artikolu 5, u mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' uffiċċju li ma jagħmilx eżami *ex officio* tar-raġunijiet relattivi, applikazzjoni għal marka kollettiva għandha tiġi miċħuda fejn id-dispożizzjonijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 27, l-Artikolu 29 jew l-Artikolu 30 ma jiġux sodisfatti, jew jekk ir-regolamenti dwar l-użu ta' dik il-marka kollettiva jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità.

2. Applikazzjoni għal marka kollettiva għandha tiġi miċħuda wkoll jekk din tista' tqarraq bil-pubbliku fir-rigward tan-natura jew is-sinifikat tal-marka, b'mod partikolari jekk ikun hemm il-probabbiltà li din tiftiehem bħala xi ħaġa differenti minn marka kollettiva.

3. L-applikazzjoni ma għandhiex tiġi miċħuda jekk l-applikant, bħala konsegwenza ta' emenda fir-regolamenti dwar l-użu tal-marka kollettiva, jissodisfa r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 32

Użu ta' marki kollettivi

Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16 jiġu sodisfatti meta jsir użu ġenwin ta' marka kollettiva f'konformità ma' dak l-Artikolu minn kwalunkwe persuna li għandha l-awtorità li tużaha.

Artikolu 33

Emendi għar-regolamenti dwar l-użu tal-marka kollettiva

1. Il-proprjetarju ta' marka kollettiva għandu jippreżenta lill-uffiċċju kwalunkwe regolament emendat dwar l-użu.

2. Emendi għar-regolamenti dwar l-użu għandhom jissemmew fir-reġistru ħlief jekk ir-regolamenti emendati ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 30 jew jinvolvu waħda mir-raġunijiet għar-rifjut imsemmi fl-Artikolu 31.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-emendi għar-regolamenti dwar l-użu għandhom isiru effettivi biss mid-data meta titniżżel ir-referenza għal dawk l-emendi fir-reġistru.

Artikolu 34

Persuni intitolati li jiftħu proċedimenti għal ksur

1. L-Artikolu 25(3) u (4) għandu japplika għal kull persuna li għandha l-awtorità li tuża marka kollettiva.

2. Il-proprjetarju ta' marka kollettiva għandu jkun intitolat li jitlob kumpens f'isem il-persuni li għandhom l-awtorità li jużaw il-marka f'każ li dawn il-persuni sofrew danni b'riżultat ta' *użu mhux awtorizzat tal-marka*.

Artikolu 35

Raġunijiet addizzjonali għal revoka

Minbarra r-raġunijiet għal revoka msemmija fl-Artikoli 19 u 20, id-drittijiet tal-proprjetarju ta' marka kollettiva għandhom jiġu rrevokati għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-proprjetarju ma jihux passi raġonevoli biex jimpedixxi li l-marka tintuża b'mod li huwa inkompatibbli mal-kondizzjonijiet tal-użu stipulati fir-regolamenti dwar l-użu, inkluż kwalunkwe emendi tagħhom imsemmija fir-reġistru;

(b) il-mod kif il-persuni awtorizzati użaw il-marka wassal biex din tista' tqarraq bil-pubbliku bil-mod imsemmi fl-Artikolu 31(2);

(c) tkun saret referenza fir-reġistru għal emenda għar-regolamenti dwar l-użu tal-marka bi ksur tal-Artikolu 33(2), sakemm il-proprjetarju tal-marka ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu permezz ta' emendi ulterjuri għar-regolamenti dwar l-użu.

Artikolu 36

Raġunijiet addizzjonali għal invalidità

Minbarra r-raġunijiet għal invalidità previsti fl-Artikolu 4, fejn xieraq bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(1)(c) dwar sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, biex jindikaw l-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew is-servizzi, u l-Artikolu 5, marka kollettiva, li hija reġistrata bi ksur tal-Artikolu 31, għandha tiġi ddikjarata bħala invalida, sakemm il-proprjetarju tal-marka ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 31 permezz ta' emenda tar-regolamenti dwar l-użu.

KAPITOLU 3

PROĊEDURI

TAQSIMA 1

Applikazzjoni u reġistrazzjoni

Artikolu 37

Rekwiżiti relattivi għall-applikazzjonijiet

1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tal-inqas tinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) talba għar-reġistrazzjoni;

(b) informazzjoni li tidentifika lill-applikant;

(c) lista ta' oġġetti jew servizzi li fir-rigward tagħhom tintalab ir-reġistrazzjoni;

(d) rappreżentazzjoni tat-trade mark li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 3.

2. L-applikazzjoni għal trade mark għandha tkun soġġetta għall-ħlas ta' tariffa stabbilita mill-Istat Membru konċernat.

Artikolu 38

Data meta ssir l-applikazzjoni

1. Id-data meta ssir l-applikazzjoni għal trade mark għandha tkun id-data li fiha d-dokumenti li jinkludu l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 37(1) jiġu ppreżentati mill-applikant lill-uffiċċju.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-iffissar tad-data meta ssir l-applikazzjoni għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' tariffa kif imsemmija fl-Artikolu 37(2).

Artikolu 39

Denominazzjoni u klassifikazzjoni ta' oġġetti u servizzi

1. L-oġġetti u s-servizzi li fir-rigward tagħhom issir applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark għandhom jiġu kklassifikati f'konformità mas-sistema ta' klassifikazzjoni stabbilita mill-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Oġġetti u Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tal-Marki tal-15 ta' Ġunju 1957 ("il-Klassifikazzjoni ta' Nizza").

2. L-oġġetti u s-servizzi, li għalihom tintalab il-protezzjoni, għandhom ikunu identifikati mill-applikant b'biżżejjed ċarezza u preċiżjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu, fuq dik il-bażi biss, jiddeterminaw il-livell tal-protezzjoni li qiegħda tintalab.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jistgħu jintużaw l-indikazzjonijiet ġenerali inklużi fl-intestaturi tal-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza jew termini ġenerali oħra, dment li dawn ikunu f'konformità mal-istandards mitluba ta' ċarezza u preċiżjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu.

4. L-uffiċċju għandu jirrifjuta applikazzjoni fir-rigward ta' indikazzjonijiet jew termini li mhumiex ċari jew preċiżi, fejn l-applikant ma jissuġġerixxix formulazzjoni aċċettabbli f'perijodu stabbilit mill-uffiċċju għal dan il-għan.

5. L-użu ta' termini ġenerali, inkluż l-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi tal-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza, għandu jkun interpretat li jinkludu l-oġġetti u s-servizzi kollha koperti b'mod ċar mis-sens litterali tal-indikazzjoni jew it-terminu. L-użu ta' tali termini jew indikazzjonijiet ma għandux ikun interpretat li jinkludi talba għal oġġetti jew servizzi li ma jistgħux jiġu intiżi bħala tali.

6. Fejn l-applikant jitlob reġistrazzjoni għal aktar minn klassi waħda, l-applikant għandu jiġbor l-oġġetti u s-servizzi fi grupp skont il-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza, b'kull grupp ippreċedut min-numru tal-klassi li għaliha jkun jappartjeni l-grupp ta' oġġetti jew servizzi, u għandu jippreżentahom fl-ordni tal-klassijiet.

7. L-oġġetti u s-servizzi ma għandhomx jitqiesu bħala simili għal xulxin abbażi tal-fatt li jidhru fl-istess klassi tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza. L-oġġetti u servizzi ma għandhomx jitqiesu bħala differenti minn xulxin abbażi tal-fatt li jidhru fi klassijiet differenti taħt il-Klassifikazzjoni ta' Nizza.

Artikolu 40

Osservazzjonijiet minn partijiet terzi

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li qabel ir-reġistrazzjoni ta' trade mark, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u kwalunkwe grupp jew korp li jirrappreżenta lill-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri ta' servizzi, in-negozjanti jew il-konsumaturi jistgħu jippreżentaw lill-uffiċċju osservazzjonijiet bil-miktub, li jispjegaw għal-liema raġunijiet it-trade mark ma għandhiex tiġi reġistrata *ex officio*.

Il-persuni u gruppi jew korpi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx ikunu partijiet fil-proċedimenti quddiem l-uffiċċju.

2. Minbarra r-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u kwalunkwe grupp jew korp li jirrappreżenta lill-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri ta' servizzi, in-negozjanti jew il-konsumaturi jistgħu jippreżentaw lill-uffiċċju osservazzjonijiet bil-miktub ibbażati fuq ir-raġunijiet partikolari li għalihom l-applikazzjoni għal marka kollettiva għandha tiġi rrifjutata skont l-Artikolu 31(1) u (2). Din id-dispożizzjoni tista' tiġi estiża biex tkopri marki ta' ċertifikazzjoni u ta' garanzija meta dawn ikunu regolati fl-Istati Membri.

Artikolu 41

Diviżjoni tal-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjonijiet

L-applikant jew il-proprjetarju jista' jaqsam applikazzjoni jew reġistrazzjoni ta' trade mark nazzjonali f'żewġ applikazzjonijiet jew reġistrazzjonijiet separati jew aktar billi jibgħat dikjarazzjoni lill-uffiċċju u jindika, għal kull applikazzjoni jew reġistrazzjoni diviżjonali, l-oġġetti jew servizzi koperti mill-applikazzjoni jew reġistrazzjoni oriġinali li għandhom ikunu koperti mill-applikazzjonijiet jew reġistrazzjonijiet diviżjonali.

Artikolu 42

Tariffi tal-klassijiet

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-applikazzjoni u t-tiġdid ta' trade mark għandhom ikunu soġġetti għal tariffa addizzjonali għal kull klassi ta' oġġetti u servizzi lil hinn mill-ewwel klassi.

TAQSIMA 2

Proċeduri għal oppożizzjoni, revoka u invalidità

Artikolu 43

Proċedura ta' oppożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu proċedura amministrattiva effiċjenti u rapida quddiem l-uffiċċji tagħhom għall-oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal trade mark abbażi tar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 5.

2. Il-proċedura amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tal-inqas tipprevedi li l-proprjetarju ta' trade mark preċedenti kif imsemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 5(3)(a), u l-persuna awtorizzata skont il-liġi rilevanti li teżerċita d-drittijiet li jirriżultaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika kif imsemmija fl-Artikolu 5(3)(c) għandhom ikunu intitolati li jippreżentaw notifika ta' oppożizzjoni. In-notifika ta' oppożizzjoni tista' tiġi ppreżentata abbażi ta' dritt preċedenti wieħed jew aktar, dment li kollha jappartjenu lill-istess propjetarju, u abbażi ta' parti minn, jew it-totalità ta', l-oġġetti jew servizzi li għalihom ikun ġie protett jew applikat dritt preċedenti, u tista' tiġi diretta kontra parti minn jew it-totalità tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom tkun saret applikazzjoni għall-marka kontestata.

3. Il-partijiet għandhom jingħataw, fuq it-talba konġunta tagħhom, minimu ta' xahrejn fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni sabiex ikun hemm il-possibbiltà ta' qbil amikevoli bejn il-parti li qiegħda topponi u l-applikant.

Artikolu 44

Nuqqas ta' użu bħala difiża fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni

1. Fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 43, meta fid-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perijodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 ikun skada, fuq it-talba tal-applikant, il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti li ta n-notifika ta' oppożizzjoni għandu jagħti prova li t-trade mark preċedenti ntużat b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, jew li kien hemm raġunijiet tajbin għan-nuqqas ta' użu. Fin-nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi rifjutata.

2. Jekk it-trade mark preċedenti ntużat b'rabta ma' parti biss mill-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata, għall-finijiet tal-eżami tal-oppożizzjoni kif previst fil-paragrafu 1, hija għandha titqies li hija reġistrata biss b'rabta ma' dawk l-oġġetti jew servizzi.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll meta t-trade mark preċedenti tkun trade mark tal-UE. F'tali każ, l-użu ġenwin tat-trade mark tal-UE għandu jkun determinat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 45

Proċedura għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jappellaw quddiem il-qrati, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċedura amministrattiva effiċjenti u rapida quddiem l-uffiċċji tagħhom għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark.

2. Il-proċedura amministrattiva għal revoka għandha tipprevedi li t-trade mark għandha tkun revokata abbażi tar-raġunijiet stipulati fl-Artikoli 19 u 20.

3. Il-proċedura amministrattiva għal invalidità għandha tipprevedi li t-trade mark għandha tkun dikjarata invalida tal-inqas abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

(a) it-trade mark ma kellhiex tiġi rreġistrata minħabba li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4;

(b) it-trade mark ma kellhiex tiġi rreġistrata minħabba l-eżistenza ta' dritt preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) sa (3);

4. Il-proċedura amministrattiva għandha tipprevedi li tal-inqas dawn li ġejjin għandhom ikunu intitolati li jippreżentaw applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità:

(a) fil-każ tal-paragrafu 2 u l-paragrafu 3(a), kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u kwalunkwe grupp jew korp li ġie stabbilit bil-għan li jirrappreżenta l-interessi tal-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri ta' servizzi, in-negozjanti jew il-konsumaturi, u li, skont it-termini tal-liġi li tirregolah, għandu l-kapaċità li jħarrek f'ismu stess u jiġi mħarrek;

(b) fil-każ tal-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) u 5(3)(a), u l-persuna awtorizzata skont il-liġi rilevanti li teżerċita d-drittijiet li jirriżultaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika kif imsemmija fl-Artikolu 5(3)(c).

5. Applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità tista' tiġi diretta kontra parti mill-oġġetti jew is-servizzi li fir-rigward tagħhom ġiet irreġistrata l-marka kontestata, jew kontra t-totalità tagħhom.

6. Applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità tista' tiġi ppreżentata abbażi ta' dritt preċedenti wieħed jew aktar, dment li lkoll jappartjenu lill-istess propjetarju.

Artikolu 46

Nuqqas ta' użu bħala difiża fil-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Fil-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bażata fuq trade mark reġistrata b'data tad-domanda jew data ta' prijorità preċedenti, jekk il-proprjetarju tat-trade mark sussegwenti jitlob dan, il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti għandu jagħti prova li, matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, it-trade mark preċedenti ntużat b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 b'rabta mal-oġġetti jew servizzi li għalihom ġiet irreġistrata u li huma kwotati bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni, jew li hemm raġunijiet tajbin għan-nuqqas ta' użu, dment li fid-data tal-applikazzjoni għad-dikjarazzjoni ta' invalidità, l-proċess tar-reġistrazzjoni tat-trade mark preċedenti tlesta tal-inqas ħames snin qabel.

2. Fejn, fid-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perijodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin, kif stipulat fl-Artikolu 16, ikun skada, il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti, minbarra l-prova mitluba taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jagħti prova tal-użu ġenwin tat-trade mark matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data tad-domanda jew id-data ta' prijorità, jew li kien hemm raġunijiet tajbin għan-nuqqas ta' użu.

3. Fin-nuqqas tal-provi msemmija fil-paragrafu 1 u 2, applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità abbażi ta' trade mark preċedenti għandha tkun rifjutata.

4. Jekk it-trade mark preċedenti intużat f'konformità mal-Artikolu 16 fir-rigward ta' whud biss mill-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata, din għandha titqies, għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, bħala reġistrata fir-rigward ta' dawk l-oġġetti jew is-servizzi biss.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll meta t-trade mark preċedenti tkun trade mark tal-UE. F'każ bħal dan, użu ġenwin tat-trade mark tal-UE għandu jkun determinat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 47

Konsegwenzi ta' revoka u ta' invalidità

1. Trade mark reġistrata għandha titqies li, mid-data tal-applikazzjoni għal revoka, ma kellhiex l-effetti speċifikati f'din id-Direttiva, sal-punt li d-drittijiet tal-proprjetarju jkunu ġew revokati. Fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, fid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal revoka, tista' tiġi ffissata data aktar kmieni li fiha seħħet waħda mir-raġunijiet għar-revoka.

2. Trade mark reġistrata għandha titqies li, mill-bidu, ma kellhiex l-effetti speċifikati f'din id-Direttiva, sal-punt li t-trade mark tkun ġiet iddikjarata invalida.

TAQSIMA 3

Tul ta' validità u tiġdid ta' reġistrazzjoni

Artikolu 48

Tul ta' żmien kemm iddum valida r-reġistrazzjoni

1. It-trade marks għandhom jiġu rreġistrati għal perijodu ta' 10 snin mid-data meta ssir l-applikazzjoni.

2. Ir-reġistrazzjoni tista' tiġġedded f'konformità mal-Artikolu 49 għal perijodi ulterjuri ta' 10 snin.

Artikolu 49

Tiġdid

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tiġġedded fuq it-talba tal-proprjetarju tat-trade mark jew ta' kwalunkwe persuna awtorizzata mil-liġi jew minn kuntratt biex tagħmel dan, dment li jkunu tħallsu t-tariffi ta' tiġdid. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-wasla tal-ħlas tat-tariffi ta' tiġdid għandha titqies li tikkostitwixxi din it-talba.

2. L-uffiċċju għandu jinforma lill-proprjetarju tat-trade mark bl-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza msemmija. L-uffiċċju ma għandux jinżamm responsabbli jekk jonqos milli jagħti tali informazzjoni.

3. It-talba għat-tiġdid għandha tiġi ppreżentata u t-tariffi ta' tiġdid għandhom jitħallsu f'perijodu li huwa tal-inqas sitt xhur li jippreċedu immedjatament l-iskadenza tar-reġistrazzjoni. Fin-nuqqas ta' dak, it-talba tista' tiġi ppreżentata f'perijodu ulterjuri ta' sitt xhur immedjatament wara l-iskadenza tar-reġistrazzjoni jew tat-tiġdid sussegwenti tagħha. It-tariffi ta' tiġdid u tariffa addizzjonali għandhom jitħallsu f'dak il-perijodu ulterjuri.

4. Fejn it-talba tiġi ppreżentata jew it-tariffi jitħallsu fir-rigward ta' wħud biss mill-oġġetti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark ġiet irreġistrata, ir-reġistrazzjoni għandha tiġġedded għal dawk l-oġġetti jew is-servizzi biss.

5. It-tiġdid issir effettiv mill-jum wara d-data meta r-reġistrazzjoni eżistenti tiskadi. It-tiġdid għandu jiġi reġistrat fir-reġistru.

TAQSIMA 4

Komunikazzjoni mal-uffiċċju

Artikolu 50

Komunikazzjoni mal-uffiċċju

Il-partijiet fil-proċedimenti jew, fejn jinħtieġ, ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jindikaw indirizz uffiċjali għall-komunikazzjoni uffiċjali kollha mal-uffiċċju. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li tali indirizz uffiċjali jkun jinsab fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

KAPITOLU 4

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 51

Kooperazzjoni fil-qasam tar-reġistrazzjoni u l-amministrazzjoni tat-trade marks

L-uffiċċji għandhom ikunu liberi li jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiġi promossal-konverġenza tal-prattiki u l-għodda marbutin mal-eżami u r-reġistrazzjoni tat-trade marks.

Artikolu 52

Kooperazzjoni f'oqsma oħra

L-uffiċċji għandhom ikunu liberi li jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tagħhom ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 51 li huma ta' rilevanza għall-protezzjoni tat-trade marks fl-Unjoni.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 53

Protezzjoni tad-data

L-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali li jsir fl-Istati Membri fil-qafas ta' din id-Direttiva għandu jkun soġġett għal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE.

Artikolu 54

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-Artikoli 3 sa 6, l-Artikoli 8 sa 14, l-Artikoli 16, 17 u 18, l-Artikoli 22 sa 39, l-Artikolu 41, l-Artikoli 43 sa 50 sal-14 ta' Jannar 2019. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-konformità mal-Artikolu 45 sal-14 ta' Jannar 2023. Huma għandhom immedjatament jikkomunikaw it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din dakinhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu stqarrija li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva li tħassret minn din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din u kif din l-istqarrija għandha tiġi fformulata.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 55

Tħassir

Id-Direttiva 2008/95/KE titħassar b'effett mill-15 ta' Jannar 2019, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 89/104/KEE stipulat fil-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva 2008/95/KE.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 56

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1, 7, 15, 19, 20, 21 u 54 sa 57 għandhom japplikaw mill-15 ta' Jannar 2019.

Artikolu 57

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' Diċembru 2015.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
M. SCHULZ	N. SCHMIT

ANNESS

Tabella ta' korrelazzjoni

Direttiva 2008/95/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
—	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 3(1)(a) sa (h)	Artikolu 4(1)(a) sa (h)
—	Artikolu 4(1)(i) sa (l)
Artikolu 3(2)(a) sa (c)	Artikolu 4(3)(a) sa (c)
Artikolu 3(2)(d)	Artikolu 4(2),
Artikolu 3(3), l-ewwel sentenza	Artikolu 4(4), l-ewwel sentenza
—	Artikolu 4(4), it-tieni sentenza
Artikolu 3(3), it-tieni sentenza	Artikolu 4(5)
Artikolu 3(4)	—
Artikolu 4(1) u (2)	Artikolu 5(1) u (2)
Artikolu 4(3) u (4)(a)	Artikolu 5(3)(a)
—	Artikolu 5(3)(b)
—	Artikolu 5(3)(c)
Artikolu 4(4)(b) u (c)	Artikolu 5(4)(a) u (b)
Artikolu 4(4)(d) sa (f)	—
Artikolu 4(4)(g)	Artikolu 5(4)(c)
Artikolu 4(5) u (6)	Artikolu 5(5) u (6)
—	Artikolu 8
Artikolu 5(1), l-ewwel sentenza	Artikolu 10(1)
Artikolu 5(1), it-tieni sentenza, il-parti introduttiva	Artikolu 10(2), il-parti introduttiva tas-sentenza
Artikolu 5(1)(a) u (b)	Artikolu 10(2)(a) u (b)
Artikolu 5(2)	Artikolu 10(2)(c)
Artikolu 5(3)(a) sa (c)	Artikolu 10(3)(a) sa (c)
—	Artikolu 10(3)(d)
Artikolu 5(3)(d)	Artikolu 10(3)(e)
—	Artikolu 10(3)(f)
—	Artikolu 10(4)
Artikolu 5(4) u (5)	Artikolu 10(5) u (6)
—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
—	Artikolu 13

Direttiva 2008/95/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 6(1)(a) sa (c)	Artikolu 14(1)(a) sa (c), u (2)
Artikolu 6(2)	Artikolu 14(3)
Artikolu 7	Artikolu 15
Artikolu 8(1) u (2)	Artikolu 25(1) u (2)
—	Artikolu 25(3) sa (5)
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 16(1)
—	Artikolu 16(2) sa (4)
Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 16(5)
Artikolu 10(2)	Artikolu 16(6)
Artikolu 10(3)	—
Artikolu 11(1)	Artikolu 46(1) sa (3)
Artikolu 11(2)	Artikolu 44(1)
Artikolu 11(3)	Artikolu 17
Artikolu 11(4)	Artikoli 17, 44(2) u Artikolu 46(4)
—	Artikolu 18
Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 19(1)
Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 19(2)
Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 19(3)
Artikolu 12(2)	Artikolu 20
Artikolu 13	Artikolu 7 u Artikolu 21
Artikolu 14	Artikolu 6
—	Artikoli 22 sa 24
—	Artikolu 26
—	Artikolu 27
Artikolu 15(1)	Artikolu 28(1) u (3)
Artikolu 15(2)	Artikolu 28(4)
—	Artikolu 28(2) u (5)
—	Artikoli 29 sa 54(1)
Artikolu 16	Artikolu 54(2)
Artikolu 17	Artikolu 55
Artikolu 18	Artikolu 56
Artikolu 19	Artikolu 57

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2437

tal-14 ta' Diċembru 2015

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni hija kompetenti li tadotta miżuri għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-politika komuni tas-sajd u li tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(2) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ([2]), l-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982. Dik il-Konvenzjoni teżiġi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkooperaw fil-konservazzjoni u fil-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

(3) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE ([3]), l-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, fir-rigward tal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.

(4) Fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex, f'isem l-Unjoni, titlob emenda għall-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (il-"Konvenzjoni") sabiex l-Unjoni ssir Parti Kontraenti.

(5) Għalkemm in-negozjati rigward l-emenda għall-Konvenzjoni ma kinux konklużivi, matul l-20 laqgħa tagħha li saret f'Ottubru 2013, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ("CCSBT") emendat ir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi Kummissjoni Estiża għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (il-"Kummissjoni Estiża tas-CCSBT") biex l-Unjoni tkun tista' ssir Membru tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

([1]) Kunsens tal-24 ta' Novembru 2015 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

(6) Fit-12 ta' April 2015 il-Kunsill awtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ("Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri").

(7) Peress li bastimenti li jtajru l-bandieri tal-Istati Membri tal-Unjoni jistadu għal riżorsi fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna ta' Nofsinhar, huwa fl-interess tal-Unjoni li hija jkollha rwol effikaċi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

(8) L-istatus ta' Membru tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT jippromwovi wkoll il-konsistenza fl-approċċ tal-Unjoni rigward konservazzjoni fl-oċeani kollha u jsaħħaħ l-impenn tagħha lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fuq livell globali.

(9) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu għalhekk jiġi approvat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([1]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li, f'isem l-Unjoni, jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv tas-CCSBT, li jaġixxi f'isem is-CCSBT, skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

F. ETGEN

([1]) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' Ittri ġie ppubblikat fil-ĠU L 234 tat-8.9.2015, p. 1, flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2438

tat-12 ta' Ottubru 2015

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jimmira li progressivament jiġi eliminat ir-rimi fis-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qabda.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet tar-rimi permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Dawk l-Istati Membri ssottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral. Inkisbet kontribuzzjoni xjentifika mill-korpi xjentifiċi rilevanti u ġiet eżaminata minn STECF (il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 18(3) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Majjistral, f'konformità mal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd li huma soġġetti għal limiti tal-qabda mill-1 ta' Jannar 2016 l-aktar tard. F'konformità mar-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan tar-rimi għandu jkopri sajd li jiddefinixxi s-sajd imħallat ħafna tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu u l-pollakkju iswed, is-sajd tal-iskampu (*Nephrops*), is-sajd tal-lingwata komuni u l-barbun tat-tbajja', u s-sajd tal-merluzz mill-1 ta' Jannar 2016.

(5) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li tiġi applikata eżenzjoni għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampu maqbud bin-nases, xbieki jew nases tal-gambli fid-diviżjoni ICES VIa u s-subżona VII, għaliex l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, filwaqt li jitqisu l-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prassi tas-sajd u tal-ekosistema. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi seba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza fornuta mill-Istati Membri ġiet riveduta minn STECF, li b'mod ġenerali kkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta kienet tinkludi argumenti raġunati li se jkun diffiċli jinkisbu iktar żidiet fis-selettività u/jew fir-rigward tal-kostijiet sproporzjonati fil-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, appoġġati f'xi każijiet minn valutazzjoni kwalitattiva tal-kostijiet. Fid-dawl ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li jkunu stabbiliti l-eżenzjonijiet *de minimis* f'konformità mal-livell ta' perċentwal propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([1]) ĠU L 354, 28.1.2013, p. 22.

(7) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % mill-2016 sal-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tal-parit u tal-għażel biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni hija definita sew u għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % mill-2016 sal-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIId u VIIe, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li ngħatat biżżejjed evidenza biex jappoġġa l-eżenzjoni, iżda għandha tinġieb iktar informazzjoni biex jiġi evalwat il-volum *de minimis*. Għalhekk, din l-eżenzjoni tista' tiġi inkluża fir-Regolament biss b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta kompletament il-livell tar-rimi preżenti meta mqabbel mal-volum *de minimis* mitlub.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % mill-2016 sal-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIIb — VIIj, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li ngħatat biżżejjed evidenza biex jappoġġa l-eżenzjoni, iżda għandha tinġieb iktar informazzjoni biex jiġi evalwat il-volum *de minimis*. STECF innota wkoll li qed isiru iktar studji dwar is-selettività. Għalhekk, din l-eżenzjoni hija inkluża fir-Regolament, b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta kompletament il-livell tar-rimi preżenti fis-sajd konċernat.

(10) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VII (bl-esklużjoni ta' VIIa, VIId u VIIe), hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF innota li l-bażi għal din l-eżenzjoni għandha wisq ftit informazzjoni kwantifikata dwar is-selettività. STECF ikkonkluda li għandha tinġieb iktar informazzjoni biex tiġi evalwata din l-eżenzjoni *de minimis*. Għalhekk, din l-eżenzjoni tista' tiġi inkluża fir-Regolament biss b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri konċernati jissottomettu iktar dejta lill-Kummissjoni biex tippermetti lil STECF jivvaluta aħjar l-informazzjoni li tappoġġa din l-eżenzjoni.

(11) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fis-subżona ICES VII, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fid-diviżjoni ICES VIa, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività u hemm informazzjoni kwantitattiva ta' appoġġ dwar il-kostijiet sproporzjonati għall-ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa. STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(13) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % mill-2016 sal-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-irkaptu b'iktar selettività fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li jinkisbu ż-żidiet fis-selettività. STECF jinnota li l-eżenzjoni għandha tikkumpensa għall-użu ta' rkaptu iktar selettiv u l-eżenzjoni *de minimis* mitluba għandha tkopri r-rimi residwu. Għalhekk, l-eżenzjoni konċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(14) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u l-ippjanar tiegħu, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sabiex ikun konformi mal-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. F'konformità mal-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn 3 snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 fl-Ilmijiet tal-Majjistral, kif definit fl-Artikolu 4(2)(c) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravivenza

L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li l-evidenza xjentifika dwarhom turi rati għolja ta' sopravivenza għandha tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fin-nases, ix-xbieki jew in-nases tal-gambli (kodiċijiet tal-irkaptu ([1]) FPO u FIX) fid-diviżjoni ICES VIa u s-subżona VII.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet de minimis

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2016, l-2017 u l-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tal-parit u tal-għażel biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg;

(b) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIId u VIIe.

(c) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VIIb — VIIj.

(d) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet ICES VII, ħlief VIIa, d, u e.

(e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fis-subżona ICES VII;

(f) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u l-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti bl-obbligu ta' ħatt l-art l-iskampu fid-diviżjoni ICES VIa;

(g) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2016, l-2017 u l-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-irkaptu b'selettività ikbar (irkaptu TBB b'daqs tal-malja ta' 80-199 mm) fid-diviżjonijiet ICES VIId, VIIe, VIIf u VIIg.

2. Sal-1 ta' Mejju 2016, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni tal-ilmijiet tal-Majjistral għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dejta dwar ir-rimi addizzjonali u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti li tappoġġa l-eżenzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1(b), (c) u (d). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta dik id-dejta u dik l-informazzjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru 2016.

([1]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma definiti fl-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 4

Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għal kull sajda partikolari.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri konċernati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn, permezz tas-sit web sikur tal-kontroll tal-Unjoni, il-listi tal-bastimenti għal kull sajda partikolari stipulata fl-Anness u determinati skont il-paragrafu 1. Għandhom iżommu dawk il-listi aġġornati.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-Artikolu 4 japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Sajd soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art

(a) Sajd fid-diviżjoni ICES VIa u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni ICES Vb

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz tal-linja sewda.
Skampu (*Nephrops norvegicus*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' skampu, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-iskampu.

(b) Sajd b'TAC ikkombinata għas-subżoni ICES VI u VII u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni ICES VB għall-merluzz

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' merluzz, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz.
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM	Il-konzijiet kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(c) Sajd bit-TAC li tkopri s-subżona ICES VII għall-iskampu

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Skampu (*Nephrops norvegicus*)	OTB SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 30 % ta' skampu, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-iskampu.

(d) Sajd fid-diviżjoni ICES VIIa

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merluzz tal-linja sewda.

(d) Sajd fid-diviżjoni ICES VIId.

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir	< 100 mm	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 5 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 25 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merlangu.

(f) Sajd fid-diviżjoni ICES VIIe — lingwata komuni

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 10 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(g) Sajd fid-diviżjonijiet ICES VIIb, VIIc u VIIf — VIIk

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha.	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 5 % tal-lingwata komuni, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal-lingwata komuni.
Lingwata komuni (*Solea solea*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-xbieki tal-parit u l-għażel kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(h) Sajd fid-diviżjonijiet ICES VIIb, VIIc u VIIf — VIIk

Sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja	Obbligu ta' ħatt l-art
Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Fejn it-total ta' ħatt l-art għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2013 u l-2014 jikkonsisti minn iktar minn 25 % tal-ħut mgħaddam li ġej: f'taħlita ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għall-merlangu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2439

tat-12 ta' Ottubru 2015

li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa li bil-mod il-mod jelimina l-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma suġġetti għal qbid limitat.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għar-rimi/għall-iskartar tal-ħut permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ. Inkiseb kontribut xjentifiku minn korpi xjentifiċi rilevanti li ġie eżaminat mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk, skont l-Artikolu 18(3) ta' dak ir-Regolament, dawn għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Lbiċ, skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal speċijiet li jiddefinixxu s-sajd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016. Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta, il-pjan għall-iskartar tal-ħut għandu jkopri s-sajd tal-lingwata komuni, tal-merluzz u tal-iskampu (fiż-żoni tad-distribuzzjoni tal-istokkijiet imsemmija bħala "unitajiet funzjonali" biss) fid-Diviżjonijiet VIIIa, b, d, e tal-ICES; l-iskampu fid-Diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES (fl-unitajiet funzjonali biss); il-lingwata komuni u l-barbun tat-tbajja' fid-Diviżjoni IXa tal-ICES, u l-merluzz fid-Diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES.

(5) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li għandha tiġi applikata eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampu maqbud mix-xbieki tat-tkarkir fis-subżoni VIII u IX tal-ICES, u dan billi l-evidenza xjentifika eżistenti tindika rati possibbli ta' sopravivenza għolja, u dan filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkapti li jimmiraw għal din l-ispeċi, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd fl-evalwazzjoni tiegħu jikkonkludi li huma meħtieġa aktar studji biex jiġu korroborati r-riżultati eżistenti, u jinnota li dawn l-istudji jinsabu għaddejjin u ppjanati. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża fir-Regolament għas-sena 2016, b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħtu aktar *data* lill-Kummissjoni biex il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ikun jista' jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjoni.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta fiha erba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri ġiet analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jikkonkludi li r-rakkomandazzjoni konġunta fiha argumenti motivati b'rabta mad-diffikultà fiż-żieda tas-selettività kif ukoll fl-ispejjeż sproporzjonati ta' pproċessar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Fid-dawl ta' dan kollu, huwa xieraq li jkunu stabbiliti eżenzjonijiet *de minimis* skont il-livell perċentwali propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([1]) ĠU L 354, 28.1.2013, p. 22.

(7) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir bi travu u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, huwa bbażat fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkunu diffiċli ħafna li jinkisbu. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-eżenzjoni mitluba. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES bil-pariti u bl-għeżula, huwa bbażat fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkunu diffiċli ħafna li jinkisbu. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-eżenzjoni mitluba. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 7 % fl-2016 u fl-2017 u 6 % fl-2018 tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fis-subżoni VIII u IX tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir, hija bbażata fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkun diffiċli ħafna li jinkisbu. L-informazzjoni ta' sostenn eżistenti ppreżentata turi li ż-żieda tas-selettività fis-sajd ikkonċernat ikun iwassal għal telf ta' ħut kummerċjabbli li jista' potenzjalment jagħmel lis-sajd ekonomikament mhux vijabbli. Barra minn hekk, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ġibed l-attenzjoni li dan għandu jiġi ssupplimentat b'aktar studji ta' selettività tas-sajd rilevanti. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża fir-Regolament, b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħtu aktar *data* lill-Kummissjoni biex il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ikun jista' jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjoni.

(10) Billi l-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd u mal-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 biex ikun konformi mal-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Skont l-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn tliet snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, mogħti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u japplika fl-ilmijiet tal-Lbiċ, kif definit fl-Artikolu 4(2)(c) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravivenza

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl- Artikolu 15(4)(b) tar- Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li fil-każ tagħhom l-evidenza xjentifika turi rati ta' sopravivenza għolja fl-2016 tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fis-subżoni VIII u IX tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir (kodiċijiet tal-irkaptu ([1]): OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT u TX).

2. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ għandhom sal-1 ta' Mejju 2016 biex jippreżentaw l-informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija sal-1 ta' Settembru 2016.

([1]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma definiti mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet de minimis

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu (kodiċi tal-irkaptu: TBB) u xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (kodiċi tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT u TX) li jimmiraw għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES;

(b) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw pariti u għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR u GEN) li jimmiraw għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES;

(c) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), sa massimu ta' 7 % fl-2016 u fl-2017 u sa 6 % fl-2018 tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX u SV) li jimmiraw għal din l-ispeċi fis-subżoni VIII u IX tal-ICES.

2. Sal-1 ta' Mejju 2016, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni *data* addizzjonali dwar l-iskartar tal-ħut u kull informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 (c). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija sal-1 ta' Settembru 2016.

Artikolu 4

Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art:

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw, skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għal kull qasam tas-sajd partikolari.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' sit elettroniku sigur tal-kontroll tal-Unjoni, il-listi ta' bastimenti determinati skont il-paragrafu 1 għal kull qasam tas-sajd partikolari stabbiliti fl-Anness. Huma għandhom iżommu dawn il-listi aġġornati.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-Artikolu 4 japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Is-sajd li huwa soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art

(a) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIIa, b, d u e tal-ICES

Sajd (speċi)	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja tax-xbieki	L-obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*)	OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX	Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha	Malja tax-xbieki wiesgħa bejn 70 mm u 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
	TBB	Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu kollha	Malja tax-xbieki wiesgħa bejn 70 mm u 100 mm	
	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Il-pariti u l-għeżula kollha	Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar.	
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	OTB, OTT, PTB, SDN, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SX, SV	Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni kollha	Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar.	Il-qabdiet kollha tal-merluzz huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
	LL, LLS	Il-konzijiet kollha	Kollha	
	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN	L-għeżula kollha	Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar.	
Skampu (*Nephrops norvegicus*) ġewwa unitajiet funzjonali biss	OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX	Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha	Malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar	Il-qabdiet kollha tal-iskampu huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

(b) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES

Sajd (speċi)	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja tax-xbieki	L-obbligu ta' ħatt l-art
Skampu (*Nephrops norvegicus*) ġewwa unitajiet funzjonali biss	OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, OT, PT, TX TB	Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha	Malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar	il-qabdiet kollha tal-iskampu huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

Sajd (speċi)	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja tax-xbieki	L-obbligu ta' ħatt l-art
Merluzz (*Merluccius merluccius*)	OTB, OTT, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX, SV	Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni kollha	Bastimenti li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin: 1. Jużaw malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar 2. It-total ta' ħatt l-art tal-merluzz fil-perjodu 2013/2014 jikkonsisti: f'aktar minn 10 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u aktar minn 10 tunnellati metriċi.	Il-qabdiet kollha tal- merluzz huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.
	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN	L-għeżula kollha	Bastimenti li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin: 1. Jużaw malji tax-xbieki wiesgħa bejn 80 u 99 mm 2. It-total ta' ħatt l-art tal-merluzz fil-perjodu 2013/2014 jikkonsisti f'aktar minn 10 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u f'aktar minn 10 tunnellati metriċi.	
	LL, LLS	Il-konzijiet kollha	Bastimenti li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin: 1. Ganċ itwal minn 3,85+/–1,15 tul u usa' minn 1,6 +/–0,4 2. It-total ta' ħatt l-art tal-merluzz fil-perjodu 2013/2014 jikkonsisti f'aktar minn 10 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u f'aktar minn 10 tunnellati metriċi.	

(c) Is-sajd fid-diviżjoni IXa tal-ICES

Sajd (speċi)	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-malja tax-xbieki	L-obbligu ta' ħatt l-art
Lingwata komuni (*Solea solea*) u l-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Il-pariti u l-għeżula kollha	Malji tax-xbieki ta' 100 mm jew akbar	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuniu tal-barbun tat-tbajja' huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2440

tat-22 ta' Ottubru 2015

li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18a u 48a tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament l-iskartar fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet ta' skartar permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana. Dawk l-Istati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni b'rakkomandazzjoni konġunta wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana u lill-Kunsill Konsultattiv fuq Distanza Twila. Il-korpi xjentifiċi rilevanti taw kontribuzzjoni xjentifika li ġiet eżaminata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikoli 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(4) Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Baħar tat-Tramuntana jinkludi ż-żoni IIIa u IV tal-ICES. Peress li xi stokkijiet demersali rilevanti għall-pjan ta' skartar jinsabu wkoll fl-ilmijiet tal-UE tad-Diviżjoni IIa tal-ICES, l-Istati Membri jirrakkomandaw li din id-Diviżjoni tkun koperta wkoll mill-pjan ta' skartar.

(5) Skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fil-Baħar tat-Tramuntana l-obbligu tal-ħatt l-art japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016 fis-sajd imħallat għall-bakkaljaw, għall-merluzz tal-linja sewda, għall-merlangu u għall-pollakkju iswed; fis-sajd għall-iskampu; fis-sajd imħallat għal-lingwata komuni u għall-barbun tat-tbajja'; fis-sajd għall-merluzz u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana. Skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjan ta' skartar jidentifika l-ispeċijiet li mill-1 ta' Jannar 2016 iridu jinħattu l-art. Dawn l-ispeċijiet huma l-pollakkju iswed, il-merluzz tal-linja sewda, l-iskampu, il-lingwata komuni, il-barbun tat-tbajja', il-merluzz u l-gamblu tat-Tramuntana. Dan il-pjan ta' skartar jistabbilixxi wkoll l-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet aċċessorji tal-gamblu tat-Tramuntana.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li jiġu applikati żewġ eżenzjonijiet mill-obbligu tal-ħatt l-art għall-iskampu li jinqabad rispettivament, bin-nases u b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, TBN ([3])) fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES. Abbażi tal-evidenza xjentifika pprovduta fir-rakkomandazzjoni konġunta u eżaminata mis-STECF u

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
([3]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament jirreferu għal dawk il-kodiċijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd Għall-bastimenti li t-tul totali tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'din it-tabella jirreferu għall-kodiċijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema, il-Kummissjoni tqis li dawk l-eżenzjonijiet għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw dejta addizzjonali biex b'hekk is-STECF ikun jista' jivvaluta aktar ir-rati ta' sopravivenza tal-iskampu li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir ikkonċernati u l-Kummissjoni tkun tista' teżamina l-eżenzjoni rilevanti wara l-2016.

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta fiha ħames eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza provduta mill-Istati Membri ġiet eżaminata mis-STECF, li b'mod ġenerali kkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta, appoġġata f'ċerti każijiet b'valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż, kienet tinkludi argumenti raġunati dwar id-diffikultà li jinkiseb aktar titjib fis-selettività u/jew li jimplikaw spejjeż sproporzjonati fil-ġestjoni tal-qabdiet inċidentali. Peress li din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata b'informazzjoni xjentifika differenti, jixraq li jiġu stabbiliti l-eżenzjonijiet *de minimis* skont il-livell tal-perċentwali propost fir-rakkomandazzjoni konġunta, fil-limiti tal-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(8) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita fir-rakkomandazzjoni konġunta għal-lingwata komuni u għall-merluzz tal-linja sewda flimkien, sa massimu ta' 2 % tal-qabdiet annwali totali tal-iskampu, tal-lingwata u tal-merluzz tal-linja sewda fis-sajd għall-iskampu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bi gradilja tat-tgħarbil tal-ispeċijiet fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li diffiċli ħafna li jinkisbu żidiet fis-selettività. Is-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni mitluba. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(9) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita fir-rakkomandazzjoni konġunta għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tal-parit u tal-għażel biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES, fis-subżona IV u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li diffiċli ħafna li jinkisbu żidiet fis-selettività.. Is-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni mitluba. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(10) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita fir-rakkomandazzjoni konġunta għal-lingwata komuni iżgħar minn 19-il cm, sa massimu ta' 3,7 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malji ta' bejn 80 u 90 mm fis-subżona IV tal-ICES fin-Nofsinhar ta' 55/56° N, hija bbażata fuq il-fatt li diffiċli ħafna li jinkisbu żidiet fis-selettività u li hemm informazzjoni kwantitattiva ta' sostenn dwar l-ispejjeż sproporzjonati tal-ġestjoni tal-qabdiet inċidentali. Il-Kummissjoni tqis xieraq li tinkludi dik l-eżenzjoni f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jissottometti dejta addizzjonali dwar l-ispejjeż ikkonċernati, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina dik l-eżenzjoni wara l-2016.

(11) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita fir-rakkomandazzjoni konġunta għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 7 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu fis-subżona IV tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li diffiċli ħafna li jinkisbu żidiet fis-selettività. Is-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni ssuġġerita. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita fir-rakkomandazzjoni konġunta għall-iskampu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa massimu ta' 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li hemm informazzjoni kwantitattiva ta' sostenn li turi l-ispejjeż sproporzjonati tal-ġestjoni u tal-eliminazzjoni tal-qabdiet inċidentali. Is-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni ssuġġerita. Għalhekk, l-eżenzjoni kkonċernata għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(13) L-Artikolu 18a tar-Regolament (KE) Nru 850/98 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, bil-għan li jiġu adottati l-pjanijiet ta' skartar u għall-ispeċijiet soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art, daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) biex jiġu mħarsa ż-żgħar tal-organiżmi marittimi. Meta jkun xieraq, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jista' jidderoga mid-daqsijiet stabbiliti fl-Anness XII ta' dak ir-Regolament. Bħalissa, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-iskampu stabbilit fl-Anness XII huwa ta' 130 cm. L-evidenza xjentifika eżaminata mis-STECF tappoġġa l-istabbiliment ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-iskampu ta' 105 cm. B'mod partikolari, is-STECF ikkonkluda li d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni propost huwa aktar mid-daqs medju ta' maturità u li r-riskju li l-popolazzjoni tnaqqas id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES huwa żgħir.

(14) Il-pjanijiet ta' skartar jistgħu jinkludu wkoll miżuri tekniċi dwar is-sajd jew l-ispeċijiet koperti mill-obbligu tal-ħatt l-art. Sabiex tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali fi Skagerrak, jixraq li jiġu provduti għadd ta' miżuri tekniċi, li ġew maqbula bejn l-Unjoni u n-Norveġja fl-2011 ([1]) u fl-2012 ([2]).

(15) Sabiex jiġi żgurat kontroll xieraq, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-Istati Membri biex jistabbilixxu listi tal-bastimenti li huma koperti b'dan ir-Regolament.

(16) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-ippjanar ta' dan l-istaġun tas-sajd, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 biex ikun konformi mal-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Skont l-Artikolu 15(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn sena,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art, previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES li għandhom japplikaw fis-sajd stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravivenza

1. L-eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-ispeċijiet li l-evidenza xjentifika turi rati għolja ta' sopravivenza, għandha tapplika għall-qabdiet li ġejjin tal-iskampu:

(a) qabdiet bin-nases (FPO);

(b) qabdiet fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, TBN) b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 70 mm mgħammra bi gradilja tat-tgħarbil tal-ispeċijiet bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35mm; u

(c) qabdiet fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, TBN) b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 90 mm mgħammra b'panew ta' fuq b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 270 mm (malja maqrut) jew b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 140 mm (malja kwadra)..

2. L-iskampu li jinqabad fil-każijiet msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għandu jiġi rilaxxat immedjatament fiż-żona fejn ikun inqabad.

3. Sat-30 ta' April 2016, l-Istati Membri li jkollhom interess dirett fil-ġestjoni fil-Baħar tat-Tramuntana għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali lill-Kummissjoni bħala appoġġ għall-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(b).

([1]) Rekord maqbul ta' konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar ir-regolamentazzjoni tas-sajd fi Skagerrak u f'Kattegat għall-2012.
([2]) Rekord maqbul ta' konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' projbizzjoni fuq l-iskartar u ta' miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' Skagerrak, l-4 ta' Lulju 2012.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet *de minimis*

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għal-lingwata komuni u għall-merluzz tal-linja sewda flimkien, sa massimu ta' 2 % tal-qabdiet annwali totali tal-iskampu, tal-lingwata komuni u tal-merluzz tal-linja sewda fis-sajd għall-iskampu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, TBN) bid-daqs tal-malji li jkun daqs jew akbar minn 70 mm u mgħammra bi gradilja tat-tgħarbil tal-ispeċijiet bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES;

(b) għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tal-parit u tal-għażel (GN, GNS, GND, GNC, GTN, GTR, GEN, GNF) fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES, fis-subżona IV u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES;

(c) għal-lingwata komuni iżgħar minn 19-il cm, sa massimu ta' 3,7 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'daqs tal-malji ta' bejn 80 u 90 mm fil-parti tan-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (is-subżona IV tal-ICES fin-Nofsinhar ta' 55/56 N);

(d) għal-lingwata komuni inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa massimu ta' 7 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) bid-daqs tal-malji ta' 80-119 mm b'daqs akbar tal-malji fl-estensjoni tax-xibka tat-tkarkir bi travu fis-subżona IV tal-ICES.

(e) għall-iskampu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa massimu ta' 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (OTB, TBN, OTT, TB) bid-daqs tal-malji 80-99 mm fis-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES

2. Sat-30 ta' April 2016, l-Istati Membri li jkollhom interess dirett fil-ġestjoni fil-Baħar tat-Tramuntana għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali lill-Kummissjoni bħala appoġġ għall-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(c).

Artikolu 4

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni

B'deroga mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni stabbilit fl-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-iskampu fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES għandu jkun kif ġej:

(a) tul totali ta' 105 mm;

(b)) tul tal-qoxra ta' 32 mm.

Artikolu 5

Miżuri tekniċi u speċifiċi fi Skagerrak

1. Huwa pprojbit il-ġarr abbord jew l-użu tax-xbieki tat-tkarkir, tat-tartarun Daniż, tax-xbieki tat-tkarkir bi travu jew ta' xbieki rmunkati simili li għandhom id-daqs tal-malji ta' inqas minn 120 mm.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jistgħu jintużaw ix-xbieki tat-tkarkir b'manka ta' mill-inqas 90 mm, sakemm ikunu mgħammra:

(a) b'panew ta' malja kwadra ta' mill-inqas 140 mm;

(b) b'panew ta' malja maqrut ta' mill-inqas 270 mm imqiegħed f'sezzjoni ta' erba' panewijiet u immuntat billi jingħaqdu tliet malji ta' 90 mm għal kull malja waħda ta' 270 mm; jew

(c) b'gradilja tat-tgħarbil bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm.

Id-deroga prevista fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw sakemm il-panew tax-xbieki tat-tkarkir ikun:

— twil mill-inqas 3 metri;

— ma jinsabx aktar minn 4 metri 'l bogħod mis-siegla tal-għeluq; u

— għandu l-wisa' kollu tal-folja ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir (jiġifieri minn ċmusa sa ċmusa).

3. B'deroga mill-paragarfu 1, jistgħu jintużaw ukoll ix-xbieki tat-tkarkir li ġejjin:

(a) ix-xbieki tat-tkarkir b'manka ta' malja kwadra ta' mill-inqas 70 mm mgħammra bi gradilja tat-tgħarbil bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm;

(b) ix-xbieki tat-tkarkir b'daqsijiet minimi tal-malji ta' mhux aktar minn 70 mm għas-sajd tal-ispeċijiet pelaġiċi jew industrijali, sakemm il-qabda tkun tinkludi aktar minn 80 % ta' waħda jew aktar mill-ispeċijiet pelaġiċi jew industrijali;

(c) ix-xbieki tat-tkarkir b'manka ta' mill-inqas 35 mm għas-sajd tal-ispeċi Pandalus, sakemm ix-xibka tat-tkarkir tkun mgħammra bi gradilja tat-tgħarbil bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 19-il mm.

4. Skont il-paragrafu 3(c), waqt is-sajd għall-ispeċi Pandalus jista' jintuża apparat għall-konservazzjoni tal-ħut, sakemm ikun hemm opportunitajiet tas-sajd adegwati li jkopru l-qabdiet aċċessorji u l-apparat ta' konservazzjoni jkun:

— mibni b'panew ta' fuq b'daqs minimu tal-malji ta' 120 mm ta' malja kwadra;

— twil mill-inqas 3 metri; u

— wiesa' mill-inqas daqs il-wisa' tal-gradilja tat-tgħarbil.

Artikolu 6

Lista ta' bastimenti

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art għal kull sajda partikolari.

Bis-sit web sikur tal-kontroll tal-Unjoni, sal-31 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn, il-listi tal-bastimenti stabbiliti skont il-paragrafu 1 għal kull bastiment maħsub għas-sajd tal-pollakkju iswed kif definit fl-Anness. Dawk il-listi għandhom jinżammu aġġornati

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016.

Madanakollu, l-Artikolu 6 japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Sajd soġġett għall-obbligu tal-ħatt l-art

Irkaptu tas-sajd [1] [2]	Daqs tal-malja	Speċijiet ikkonċernati
Xbieki tat-tkarkir: OTB, OTT, OT, PTB, PT, TBN, TBS, OTM, PTM, TMS, TM, TX, SDN, SSC, SPR, TB, SX, SV	> 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-pollakkju iswed (jekk jinqabad minn bastiment maħsub għas-sajd tal-pollakkju iswed [3]), tal-barbun tat-tbajja' u tal-merluzz tal-linja sewda. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.
Xbieki tat-tkarkir: OTB, OTT, OT, PTB, PT, TBN, TBS, OTM, PTM, TMS, TM, TX, SDN, SSC, SPR, TB, SX, SV	Fis-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES: 80-99mm Fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES: 70-99mm	Fiż-żoni kollha, il-qabdiet kollha tal-iskampu u tal-lingwata komuni [4]. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana. Fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES: il-qabdiet kollha tal-merluzz tal-linja sewda.
Xbieki tat-tkarkir: OTB, OTT, OT, PTB, PT, TBN, TBS, OTM, PTM, TMS, TM, TX, SDN, SSC, SPR, TB, SX, SV	32-69 mm	Il-qabdiet kollha tal-gamblu tat-Tramuntana.
Xbieki tat-tkarkir bi travu: TBB	> 120 mm	Il-qabdiet kollha tal-barbun tat-tbajja'. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.
Xbieki tat-tkarkir bi travu: TBB	80-119 mm	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.
Xbieki tal-għażel, tal-parit u tat-tħabbil: GN, GNS, GND, GNC, GTN, GTR, GEN, GNF		Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.
Snanar u lenzi: LLS, LLD, LL, LTL, LX, LHP, LHM		Il-qabdiet kollha tal-merluzz. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.
Nases: FPO, FIX, FYK, FPN		Il-qabdiet kollha tal-iskampu. Kull qabda inċidentali tal-gamblu tat-Tramuntana.

(1) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'din it-Tabella jirreferu għal dawk il-kodiċijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(2) Għall-bastimenti li t-tul totali tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'din it-tabella jirreferu għall-kodiċijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

(3) Il-bastimenti jitqiesu li huma ddedikati għall-pollakkju iswed jekk, meta jintużaw ix-xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malji ≥ 100 mm, il-medja annwali ta' żbarki tal-pollakkju iswed tkun ta' ≥ 50 % tal-iżbarki kollha tal-bastiment, maqbuda fiż-żoni tal-UE u tal-pajjiżi terzi tal-Baħar tat-Tramuntana matul il-perjodu ta' x − 4 sa x − 2, fejn x hija s-sena tal-applikazzjoni; jiġifieri mill-2012 sal-2014 għall-2016 u mill-2013 sal-2015 għall-2017.

(4) Ħlief fid-Diviżjoni IIIa tal-ICES meta s-sajd bix-xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 90 mm ikunu mgħammra b'panew ta' fuq b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 270 mm (malja maqrut) jew b'daqs tal-malji ta' mill-inqas 140 mm (malja kwadra) jew b'panew ta' malja kwadra ta' 120 mm imqiegħed bejn 6 u 9 metri mill-manka.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2441

tat-18 ta' Diċembru 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 27

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([2]) ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fit-12 ta' Awwissu 2014, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ppubblika emendi għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 27 *Rapporti Finanzjarji Separati* intitolat *Metodu tal-Ekwità f'Rapporti Finanzjarji Separati*. L-objettiv tal-emendi huwa li jippermettu lil entitajiet li jużaw il-metodu tal-ekwità, kif deskritt fl-IAS 28 *Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati u Impriżi Konġunti*, li jinkludu investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati fir-rapporti finanzjarji separati tagħhom.

(3) L-emendi fl-IAS 27 jimplikaw, bħala konsegwenza emendi fl-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 u l-IAS 28 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabilità.

(4) L-emendi fl-IAS 27 fihom xi referenzi għall-IFRS 9, li fil-preżent ma jistax jiġi applikat peress li l-IFRS 9 ma ġiex adottat mill-Unjoni. Għalhekk kwalunkwe referenza għall-IFRS 9 kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tinqara bħala referenza għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Għarfien u Kejl*.

(5) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju jikkonferma li l-emendi għall-IAS 27 jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(6) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 27 *Rapporti Finanzjarji Separati* huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(c) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 28 Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati u Impriżi Konġunti huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

2. Kwalunkwe referenza għall-IFRS 9 kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tinqara bħala referenza għall-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Għarfien u Kejl*.

Artikolu 2

Kull kumpanija tapplika l-emendi msemmija fil-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-Metodu tal-Ekwità fir-Rapporti Finanzjarji Separati

(Emendi għall-IAS 27)

Emendi għall-IAS 27

Rapporti Finanzjarji Separati

Il-paragrafi 4-7, 10, 11B u 12 huma emendati u jiżdied il-paragrafu 18J.

DEFINIZZJONIJIET

4. It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:

…

Rapporti finanzjarji separati* huma dawk ippreżentati minn entità li fihom l-entità tista' tagħżel, soġġett għar-rekwiżiti f'dan l-Istandard, li tikkontabilizza l-investimenti tagħha f'sussidjarji, f'impriżi konġunti u f'kumpaniji assoċjati skont il-kost, f'konformità mal-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* jew bl-użu tal-metodu tal-ekwità kif deskritt fl-IAS 28 *Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati u Impriżi Konġunti.

5. It-termini li ġejjin huma definiti fl-Appendiċi A tal-IFRS 10*Rapporti Finanzjarji Konsolidati*, fl-Appendiċi A tal-IFRS 11 *Arranġamenti Konġunti* u fil-paragrafu 3 tal-IAS 28:

— kumpanija assoċjata

— metodu tal-ekwità

— …

6. Rapporti finanzjarji separati huma dawk ippreżentati b'mod konġunt mar-rapporti finanzjarji konsolidati jew b'mod konġunt mar-rapporti finanzjarji ta' investitur li ma għandux investimenti f'sussidjarji imma għandu investimenti f'kumpaniji assoċjati jew impriżi konġunti fejn huwa rikjest mill-IAS 28 li l-investimenti f'kumpaniji assoċjati jew impriżi konġunti jiġu kontabilizzati abbażi tal-metodu tal-ekwità, għajr fiċ-ċirkostanzi stipulati fil-paragrafi 8–8 A.

7. Ir-rapporti finanzjarji ta' entità li ma għandhiex sussidjarja, kumpanija assoċjata jew interess konġunt ta' imprenditur f'impriża konġunta mhumiex rapporti finanzjarji separati.

…

TĦEJJIJA TA' RAPPORTI FINANZJARJI SEPARATI

…

10. Meta entità tħejji rapporti finanzjarji separati, tikkontabilizza għall-investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati jew:

(a) skont il-kost;

(b) f'konformità mal-IFRS 9; jew

(c) billi tuża l-metodu tal-ekwità kif deskritt fl-IAS 28.

L-entità tapplika l-istess kontabilità għal kull kategorija ta' investimenti. Investmenti kontabilizzati skont il-kost jew bl-użu tal-metodu tal-ekwità jiġu kontabilizzati f'konformità mal-IFRS 5 *Assi Mhux Kurrenti Miżmuma għall-Bejgħ u Operazzjonijiet li Ma Tkomplewx* meta jkunu kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ jew għad-distribuzzjoni (jew inklużi fi grupp tad-disponiment li hu kklassifikat bħala miżmum għall-bejgħ jew għad-distribuzzjoni). Il-kejl tal-investimenti kontabilizzati f'konformità mal-IFRS 9 f'ċirkostanzi bħal dawn ma jitbiddilx.

…

11B Meta kumpanija prinċipali ma tibqax entità tal-investiment, jew issir entità tal-investiment, tikkontabilizza tali bidla mid-data meta sseħħ il-bidla fl-istatus, b'dan il-mod:

(a) meta entità ma tibqax entità tal-investiment, l-entità tikkontabilizza investiment f'sussidjarja, f'konformità mal-paragrafu 10. Id-data tal-bidla fl-istatus tkun id-data ta' akkwiżizzjoni preżunta. Il-valur ġust tas-sussidjarja fid-data tal-akkwiżizzjoni preżunta jirrappreżenta l-korrispettiv preżunt trasferit meta jiġu kontabilizzati l-investimenti, f'konformità mal-paragrafu 10.

(i) [imħassar]

(ii) [imħassar]

(b) meta entità ssir entità tal-investiment, tikkontabbilizza investiment f'sussidjarja bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf f'konformità mal-IFRS 9. Id-differenza bejn l-ammont riportat preċedenti tas-sussidjarja u l-valur ġust tagħha fid-data tal-bidla fl-istatus tal-investitur tiġi rikonoxxuta bħala qligħ jew telf fil-profitt jew fit-telf. L-ammont kumulattiv ta' kull qligħ jew telf rikonoxxut preċedentement bħala introjtu ieħor komprensiv fir-rigward ta' dawk is-sussidjarji jiġi ttrattat daqs li kieku l-entità tal-investiment iddisponiet minn dawk is-sussidjarji fid-data tal-bidla fl-istatus.

12. Dividendi minn sussidjarja, impriża konġunta jew kumpanija assoċjata huma rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji separati ta' entità meta jiġi stabbilit id-dritt tal-entità li tirċievi d-dividend. Id-dividend huwa rikonoxxut fi profitt jew telf ħlief jekk l-entità tagħżel li tuża l-metodu tal-ekwità, f'liema każ id-dividend huwa rikonoxxut bħala tnaqqis mill-ammont riportat tal-investiment.

…

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

…

18J ***Metodi tal-Ekwità fir-Rapporti Finanzjarji Separati*** **(Emendi għall-IAS 27), ippubblikati f'Awwissu 2014, emendaw il-paragrafi 4–7, 10, 11B u 12. L-entità tapplika b'mod retrospettiv dawn l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data, f'konformità mal-IAS 8** ***Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji.*** **Applikazzjoni qabel din id-data hija permessa. Jekk entità tapplika dawn l-emendi qabel iż-żmien stipulat, dan irid jiġi mgħarraf.**

Emendi konsegwenzjali ta' Standards oħra

IFRS 1 ***Adozzjoni għall-ewwel darba ta' Standards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju***

Il-paragrafu 39Z huwa miżjud.

DATA EFFETTIVA

…

39Z *Metodi tal-Ekwità fir-Rapporti Finanzjarji Separati* (Emendi għall-IAS 27), ippubblikati f'Awwissu 2014, emendaw il-paragrafi D14 u żiedu l-paragrafu D15 A. Entità tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data. Applikazzjoni qabel din id-data hija permessa. Jekk entità tapplika dawn l-emendi qabel iż-żmien stipulat, dan irid jiġi mgħarraf.

Fl-Appendiċi D, il-paragrafu D14 ġie emendat u l-paragrafu D15 A ġie miżjud.

Investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati

D14 Meta entità tħejji rapporti finanzjarji separati, l-IAS 27 jirrikjedi li tikkontabilizza l-investimenti tagħha f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati jew:

(a) skont il-kost;

(b) f'konformità mal-IFRS 9; jew

(c) billi tuża l-metodu tal-ekwità kif deskritt fl-IAS 28.

…

D15 A Jekk min jadotta l-Istandard għall-ewwel darba jikkontabilizza investiment bħal dan bl-użu tal-proċeduri tal-metodu tal-ekwità kif deskritt fl-IAS 28:

(a) min jadotta l-Istandard għall-ewwel darba japplika l-eżenzjoni għal kombinament ta' operazzjonijiet fil-passat (l-Appendiċi C) għall-akkwist tal-investiment.

(b) jekk l-entità tadotta l-Istandard għall-ewwel darba għar-rapporti finanzjarji separati tagħha qabel ma' tagħmel dan għar-rapporti finanzjarji konsolidati tagħha u

(i) aktar tard mill-kumpanija prinċipali tagħha, l-entità tapplika l-paragrafu D16 fir-rapporti finanzjarji separati tagħha.

(ii) aktar tard mis-sussidjarja tagħha, l-entità tapplika l-paragrafu D16 fir-rapporti finanzjarji separati tagħha.

IAS 28 *Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati u Impriżi Konġunti*

Il-paragrafu 25 ġie emendat u l-paragrafu 45B ġie miżjud

Tibdiliet fl-interessi ta' sjieda

25. Jekk jonqos l-interess ta' sjieda ta' entità f'kumpanija assoċjata jew impriża konġunta, iżda l-investiment jibqa' klassifikat bħala kumpanija assoċjata jew bħala impriża konġunta rispettivament, l-entità tikklassifika mill-ġdid fi profitt jew telf il-parti tal-qligħ jew telf li kien ġie rikonoxxut preċedentement bħala dħul komprensiv ieħor marbut ma' dak it-tnaqqis fl-interess ta' sjieda jekk ikun meħtieġ li dak il-qligħ jew it-telf jiġi kklassifikat mill-ġdid fi profitt jew telf mad-disponiment tal-assi jew l-obbligazzjonijiet relatati.

…

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

…

45B *Metodi tal-Ekwità fir-Rapporti Finanzjarji Separati* (Emendi għall-IAS 27), ippubblikati f'Awwissu 2014, emendaw il-paragrafu 25. Entità tapplika b'mod retrospettiv dik l-emenda għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data, f'konformità mal-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Applikazzjoni qabel din id-data hija permessa. Jekk entità tapplika dik l-emenda qabel iż-żmien stipulat, dan irid jiġi mgħarraf.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2442

tat-22 ta' Diċembru 2015

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ([1])	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	236,2
	MA	104,4
	TR	109,8
	ZZ	150,1
0707 00 05	EG	174,9
	MA	90,3
	TR	143,9
	ZZ	136,4
0709 93 10	MA	45,8
	TR	145,2
	ZZ	95,5
0805 10 20	EG	52,8
	MA	65,7
	TR	77,0
	ZA	53,1
	ZZ	62,2
0805 20 10	MA	74,4
	ZZ	74,4
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	111,9
	TR	86,8
	UY	95,4
	ZZ	98,0
0805 50 10	TR	97,8
	ZZ	97,8
0808 10 80	CA	153,6
	CL	95,8
	US	172,3
	ZA	141,1
	ZZ	140,7
0808 30 90	CN	63,7
	TR	121,0
	ZZ	92,4

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2443

tal-11 ta' Diċembru 2015

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, rigward it-Titolu V ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 464(3) u (4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra ([1]), ("il-Ftehim") jipprovdu għall-applikazzjoni provviżorja ta' parti mill-Ftehim.

(2) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE ([2]) jispeċifika l-partijiet tal-Ftehim li jridu jiġu applikati b'mod provviżorju,.

(3) L-Artikolu 462 tal-Ftehim jipprovdi għall-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim fir-rigward ta' dawk iż-żoni tar-Repubblika tal-Moldova li l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova ma jeżerċitax kontroll effettiv fuqhom għandha tibda meta r-Repubblika tal-Moldova tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V fit-territorju kollu tagħha.

(4) L-Artikolu 462 tal-Ftehim jipprovdi wkoll li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni dwar meta jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V tal-Ftehim fuq it-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova.

(5) Ir-Repubblika tal-Moldova infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li tista' tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V tal-Ftehim fuq it-territorju kollu tagħha sa mill-1 ta' Jannar 2016.

(6) Huwa meħtieġ li tiġi mmonitorjata u rieżaminata regolarment l-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim f'relazzjoni mat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova.

(7) Huwa għalhekk xieraq li tiġi ddeterminata l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim fuq it-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 434 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u dwar l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim fuq it-territorju kollu tar-Repubbika tal-Moldova għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 1).

2. Korrezzjonijiet tekniċi minuri fl-abbozz tad-Deċiżjoni jista' jiġi miftiehem mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mingħajr ebda deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Fi żmien tmien xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u darba kull sena wara dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim fuq it-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova. Jekk ir-Repubblika tal-Moldova ma tkunx għadha tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V tal-Ftehim fir-rigward ta' dawk iż-żoni tar-Repubblika tal-Moldova li fuqhom ma teżerċitax kontroll effettiv, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jitolbu lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, skont deċiżjoni li għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat, biex jikkunsidra t-tkomplija tal-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim fiż-żoni kkonċernati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

F. BAUSCH

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2015 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

tal-… 2015

dwar l-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 462 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 464 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), partijiet tal-Ftehim ġew applikati fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Settembru 2014.

(2) Ir-Repubblika tal-Moldova infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li tista' tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim fit-territorju kollu tagħha mill-1 ta' Jannar 2016.

(3) Huwa xieraq li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni regolarment jirrieżamina l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova.

(4) Huwa xieraq li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ jimmonitorja l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova u jirrapporta regolarment lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. It-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, għandu japplika għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova mill-1 ta' Jannar 2016.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jirrieżamina l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova fi żmien 10 xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u darba fis-sena minn hemm 'il quddiem.

3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jissorvelja l-applikazzjoni tat-Titolu V Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1. Huwa għandu jirrapporta lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni darba fis-sena u skont ma jeħtieġu ċ-ċirkostanzi.

4. It-Titolu VII (Dispożizzjonijiet istituzzjonali, ġenerali u finali) tal-Ftehim għandu japplika sal-punt li huwa applikat fir-rigward tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Presidenza

---

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2444

tas-17 ta' Diċembru 2015

li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi għall-finanzjament mill-Unjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/425/KE

(notifikata bid-dokument C(2015) 9192)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(5) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari u mas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti għas-sottomissjoni u għall-kontenut tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi.

(2) L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistipula li kull sena, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jissotomettu lill-Kummissjoni l-programmi nazzjonali li jibdew fis-sena ta' wara, u li jixtiequ japplikaw għal għotja għalihom.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE ([2]) tipprovdi li l-Istati Membri li jitolbu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għas-sorveljanza u għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali, iridu jissottomettu applikazzjonijiet li jkun fihom ċerta informazzjoni minima mniżżla fl-Annessi I sa V ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 652/2014, ir-rekwiżiti standard għall-kontenut u għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali kif definit fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu riveduti sabiex jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

(5) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti standard għall-kontenut u għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali kif iddefinit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014, għandhom jikkonformaw mal-kriterji għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE ([3]).

(6) Għall-konformità mal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-mudelli elettroniċi standard mogħtija online fuq il-websajt tal-Kummissjoni għandhom jintużaw għal ċertu mard sabiex il-modifiki neċessarji jkunu jistgħu jsiru faċilment jew biex ikunu jistgħu jiġu inklużi aktar dettalji. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Istati Membri u se tiddiskuti magħhom il-modifiki kollha meħtieġa tal-mudelli elettroniċi standard fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Il-mudelli elettroniċi standard riveduti se jintbagħtu lill-Istati Membri kollha mhux aktar tard minn kmieni f'Marzu tas-sena konċernata.

([1]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi rekwiżiti standard biex l-Istati Membri jissottomettu programm nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali għal finanzjament Komunitarju (ĠU L 159, 18.6.2008, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.).

(7) Għal mard ieħor mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi standard u għall-mard tal-akkwakultura, l-użu tal-formoli standard mhux elettroniċi jitqies bħala l-għodda xierqa għas-sottomissjonijiet tal-programmi nazzjonali, minħabba l-għadd żgħir ta' sottomissjonijiet li saru f'dawn l-aħħar snin, li ma jiġġustifikax l-iżvilupp ta' mudelli elettroniċi speċifiċi.

(8) Għaldaqstant, għaċ-ċarezza, id-Deċiżjoni 2008/425/KE għandha titħassar u tinbidel b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minbarra l-kontenut stabbilit fl-Artikolu 12(2) tar- Regolament (UE) Nru 652/2014, il-programmi nazzjonali għandu jkun fihom l-informazzjoni mogħtija fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-programmi nazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku bl-użu tal-mudelli elettroniċi standard korrispondenti indikati fl-Annessi I sa IV ta' din id-Deċiżjoni, jew bil-posta bl-użu tal-mudelli standard korrispondenti stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni għall-mard li mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi u fl-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni għall-mard tal-akkwakultura

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2008/425/KE hija mħassra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għas-sottomissjonijiet tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-2017 u tas-snin ta' wara

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-mardiet tal-annimali elenkati hawn taħt, huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

L-Anness I.a: għar-rabja

L-Anness I.b: għat-tuberkulożi bovina, għall-bruċellożi bovina u għall-bruċellożi ovina u kaprina (B. melitensis)

L-Anness I.c: għad-deni klassiku tal-ħnieżer, għad-deni Afrikan tal-ħnieżer u għall-marda vesikulari tal-ħnieżer

L-Anness I.d: għall-bluetongue.

ANNESS II

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' kontroll tas-*Salmonella*, huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS III

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' kontroll tal-Enċefalopatiji Sponġiformi Kontaġġjużi (BSE u scrapie) huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS IV

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur, huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS V

Rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll jew għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali msemmi hawn taħt:

— Antraċe

— Plewropulmonite bovina li tittieħed

— Ekinokokkożi

— Kampilobatterjożi

— Listerjożi

— Trikinellożi

— E. coli verotossinoġiku

1. **Identifikazzjoni tal-programm**

Stat Membru:

Marda/mardiet ([1]):

Tul tal-programm: annwali/pluriennali

Talba għall-kofinanzjament mill-Unjoni għal ([2]):

Referenza ta' dan id-dokument:

Kuntatt (isem, telefown, faks, e-mail):

Data ta' sottomissjoni lill-Kummissjoni:

2. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda/żoonożi qabel id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm u dejta dwar l-evoluzzjoni epidemjoloġika tal-mard(a)** ([3])**:**

3. **Deskrizzjoni tal-programm sottomess** ([4])**:**

4. **Miżuri tal-programm sottomess li jrid jiġi implimentat**

4.1. *Sommarju tal-miżuri fil-programm:*

4.2. *Organizzazzjoni, superviżjoni u rwol tal-partijiet ikkonċernati kollha* ([5]) *involuti fil-programm:*

([1]) Dokument wieħed għal kull marda ħlief jekk il-miżuri kollha tal-programm għall-poplazzjoni fil-mira jintużaw għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' mardiet differenti.
([2]) Indika s-sena jew is-snin li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament.
([3]) Tingħata deskrizzjoni konċiża li tinkludi l-popolazzjoni fil-mira (speċi, l-għadd ta' merħliet u annimali preżenti u fil-programm), il-miżuri ewlenin (teħid ta' kampjuni u reġimi ta' ttestjar, miżuri ta' eradikazzjoni użati, il-kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali, l-iskemi tat-tilqim) u r-riżultati ewlenin (l-inċidenza, il-prevalenza, il-kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali). L-informazzjoni tingħata għal perjodi distinti jekk il-miżuri jkunu ġew modifikati sostanzjalment. L-informazzjoni hija dokumentata permezz tat-tabelli epidemjoloġiċi fil-qosor rilevanti (stipulati fit-Taqsima 6) ikkumplimentati minn graffs jew mapep (għandhom jiġu mehmuża).
([4]) Tingħata deskrizzjoni konċiża tal-programm bl-objettiv(i) ewlieni/ewlenin (monitoraġġ, kontroll, eradikazzjoni, kwalifikazzjoni tal-merħliet u/jew reġjuni, tnaqqis tal-prevalenza u tal-inċidenza), il-miżuri ewlenin (teħid ta' kampjuni u ttestjar ta' reġimi, miżuri ta' eradikazzjoni li għandhom jiġu applikati, kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali, skemi ta' tilqim), il-popolazzjoni tal-annimali fil-mira u l-qasam/l-oqsma ta' implimentazzjoni u d-definizzjoni ta' każ pożittiv.
([5]) Iddeskrivi l-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni u l-koordinazzjoni tad-dipartimenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm u l-operaturi differenti involuti. Iddeskrivi r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.

4.3. *Deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi implimentat il-programm* (1):

4.4. *Il-miri li għandhom jintlaħqu sad-data tat-tlestija tal-programm u l-benefiċċji mistennija minnhom:*

4.5. *L-indikaturi xierqa biex jitkejjel l-ilħiq tal-miri tal-programm:*

4.6. *Deskrizzjoni tal-miżuri tal-programm* (2):

4.6.1. Notifika tal-marda

4.6.2. Annimali u popolazzjoni tal-annimali fil-mira

4.6.3. Identifikazzjoni tal-annimali u reġistrazzjoni tal-impriżi

4.6.4. Kwalifikazzjonijiet tal-annimali u tal-merħliet (3)

4.6.5. Regoli dwar il-moviment tal-annimali

4.6.6. Testijiet użati u skemi tat-teħid tal-kampjuni

4.6.7. Vaċċini użati u skemi tat-tilqim

4.6.8. Informazzjoni u evalwazzjoni tal-immaniġġjar u tal-infrastruttura tal-impriżi involuti f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri tal-bijosigurtà

4.6.9. Miżuri f'każ ta' riżultat pożittiv (4)

4.6.10. Skema ta' kumpens għas-sidien ta' annimali mbiċċra u maqtula (5)

4.6.11. Kontroll tal-implimentazzjoni tal-programm u rappurtar (6)

5. **Riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-programm:**

Stima tal-baġit u s-sors: pubbliku/privat jew it-tnejn.

(1) Iddeskrivi l-isem u d-denominazzjoni, il-konfini amministrattivi, u l-erja taż-żoni amministrattivi u ġeografiċi li fihom irid jiġi applikat il-programm. Uri bil-mapep.
(2) Jeħtieġ tingħata deskrizzjoni komprensiva tal-miżuri kollha sakemm ma ssirx referenza għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Tissemma wkoll il-leġiżlazzjoni nazzjonali li l-miżuri huma stipulati fiha.
(3) Jissemmew biss jekk applikabbli.
(4) Tingħata deskrizzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-annimali pożittivi (destinazzjoni tal-politika tat-tbiċċir, id-destinazzjoni tal-karkassi, l-użu jew it-trattament tal-prodotti tal-annimali, l-eradikazzjoni tal-prodotti kollha li jistgħu jittrażmettu l-marda jew it-trattament ta' dawk il-prodotti sabiex tkun evitata kwalunkwe kontaminazzjoni possibbli, proċedura għad-diżinfezzjoni ta' impriżi infettati, it-trattament terapewtiku jew preventiv magħżul, proċedura għall-istokkjar mill-ġdid b'annimali b'saħħithom tal-impriżi li ġew depopolati minħabba t-tbiċċir u l-ħolqien ta' żona ta' sorveljanza madwar l-impriża infettata).
(5) Mhux għal BT.
(6) Iddeskrivi l-proċess u l-kontroll li se jsir sabiex ikun hemm monitoraġġ tajjeb tal-implimentazzjoni tal-programm.

6. **Dejta dwar l-evoluzzjoni epidemjoloġika matul l-aħħar ħames snin** ([1])

6.1. *Evoluzzjoni tal-marda*

6.1.1. Dejta dwar il-merħliet ([a]) (tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun ([b])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet ([c])	Għadd totali ta' merħliet fil-programm	Għadd ta' merħliet iċ-ċekkjati ([d])	Għadd ta' merħliet pożittivi ([e])	Għadd ta' merħliet pożittivi ġodda ([f])	Għadd ta' merħliet depopolati	% tal-merħliet pożittivi depopolati	INDIKATURI		
									% tal-kopertura tal-merħla	% tal-merħliet pożittivi Prevalenza perjodika tal-merħla	% tal-merħliet pożittivi ġodda Inċidenza tal-merħla
1	2	3	4	5	6	7	8	9 = (/) × 100	10= (5/4) × 100	11 = (6/5) × 100	12 = (7/5) × 100
Total											

([a]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.
([b]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([c]) Għadd totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
([d]) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-merħla fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jinżamm, jew jiġi aġġornat, l-istatus tas-saħħa tal-merħla. F'din il-kolonna, merħla ma għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.
([e]) Merħliet li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement mill-għadd ta' drabi li l-merħla tkun ġiet iċċekkjata.
([f]) Merħliet li l-istatus tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien *Mhux magħruf, Mhux ħieles-negattiv, Ħieles, Uffiċjalment Ħieles* jew *Sospiż* u li jkollhom tal-anqas annimal wieħed li ttestja pożittiv f'dan il-perjodu.

([1]) Id-dejta dwar l-evoluzzjoni tal-marda tingħata skont it-tabelli ta' hawn taħt fejn xieraq.

6.1.2. Dejta dwar l-annimali (tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' annimali ([b])	Għadd ta' annimali ([d]) li jridu jiġu ttestjati fil-programm	Għadd ta' annimali ([c]) ttestjati	Għadd ta' annimali ttestjati individwalment ([d])	Għadd ta' annimali pożittivi	Tbiċċir		INDIKATURI	
							Għadd ta' annimali b'riżultat pożittiv imbiċċra jew maqtula	Għadd totali ta' annimali mbiċċra ([e])	% tal-kopertura fil-livell tal-annimali	% tal-annimali pożittivi Prevalenza tal-annimali
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10 = (5/4) × 100	11 = (7/5) × 100
Total										

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Għadd totali ta' annimali li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u l-merħliet mhux eliġibbli għall-programm.
([c]) Inklużi annimali ttestjati individwalment jew kollettivament.
([d]) Inkludi biss l-annimali ttestjati individwalment u tinkludix l-annimali ttestjati b'kampjuni kollettivi.
([e]) Inkludi l-annimali pożittivi kollha mbiċċra u wkoll l-annimali negattivi mbiċċra fil-programm.

6.2. *Dejta stratifikata dwar is-sorveljanza u t-testijiet tal-laboratorju*

6.2.1. Dejta stratifikata dwar is-sorveljanza u t-testijiet tal-laboratorju

Sena:

Reġjun [a]	Speċi/kategorija tal-annimali	Tip tat-test [b]	Deskrizzjoni tat-test	Għadd ta' kampjuni ttestjati	Għadd ta' kampjuni pożittivi
Total					

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Indika jekk it-test huwiex seroloġiku, viroloġiku, eċċ.

6.3. *Dejta dwar l-infezzjoni (tabella waħda għal kull sena)*

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Għadd ta' merħliet infettati ([b])	Għadd ta' annimali infettati
Total			

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

6.4. *Dejta fuq l-istatus tal-merħliet fi tmiem kull sena (jekk applikabbli)*

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	L-istatus tal-merħliet u tal-annimali fil-programm ([b])													
		Għadd totali ta' merħliet u annimali fil-programm		Mhux magħruf ([c])		Mhux ħieles jew mhux uffiċjalment ħieles mill-mard				L-istatus Ħieles jew Uffiċjalment Ħieles mill-mard sospiż ([f])		Ħieles mill-mard ([g])		Uffiċjalment ħieles mill-mard ([h])	
						L-aħħar verifika pożittiva ([d])		L-aħħar verifika negattiva ([e])							
		Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])	Merħliet	Annimali ([i])
Total															

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Fl-aħħar tas-sena.
([c]) Mhux magħruf: Ma jeżistux riżultati ta' verifiki preċedenti.
([d]) Mhux ħielsa u l-aħħar verifika pożittiva: Merħla verifikata li kien fiha tal-anqas riżultat wieħed pożittiv fl-aħħar verifika.
([e]) Mhux ħielsa u l-aħħar verifika negattiva: Merħla verifikata b'riżultati negattivi fl-aħħar verifika iżda li mhijiex *Ħielsa* jew *Uffiċjalment Ħielsa*.
([f]) Sospiża kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali għall-marda rispettiva fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.
([g]) Merħla ħielsa kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-marda rispettiva.
([h]) Merħla uffiċjalment ħielsa kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-marda rispettiva.
([i]) Inkludi dawk l-annimali fil-programm li huma fil merħliet bl-istatus imsemmi (kolonna tax-xellug).

6.5. *Dejta dwar il-programmi ta' tilqim jew ta' trattament* ([1])

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet ([b])	Għadd totali ta' annimali	Informazzjoni dwar il-programm ta' tilqim jew ta' trattament					
				Għadd ta' merħliet fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd ta' merħliet imlaqqma jew trattati	Għadd ta' annimali mlaqqma jew trattati	Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament amministrati	Għadd ta' annimali adulti mlaqqma	Għadd ta' annimali mhux adulti mlaqqma
Total									

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

([1]) Id-dejta tiġi provduta biss jekk saret it-tilqima.

6.6. *Dejta dwar il-fawna selvaġġa* ([1])

6.6.1. Stima tal-popolazzjoni tal-fawna selvaġġa

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Metodu ta' stima	Stima tal-popolazzjoni
Total			

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

6.6.2. Sorveljanza tal-marda u testijiet oħra fil-fawna selvaġġa(tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Tip tat-test ([b])	Deskrizzjoni tat-test	Għadd ta' kampjuni ttestjati	Għadd ta' kampjuni pożittivi
	Total				

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Indika jekk it-test huwiex seroloġiku, viroloġiku, individwazzjoni tal-bijomarkatur eċċ.

([1]) Id-dejta tingħata biss fil-każ li l-programm ikun fih miżuri fir-rigward tal-fawna selvaġġa jew jekk id-dejta tkun rilevanti epidemjoloġikament għall-marda.

6.6.3. Dejta dwar il-tilqim jew it-trattament tal-fawna selvaġġa

Sena:

Reġjun [a]	Kilometri kwadri	Programm ta' tilqim jew ta' trattament		
		Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li għandhom jiġu amministrati	Għadd ta' kampanji	Għadd totali ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament amministrati
Total				

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

7. **Miri**

7.1. *Miri marbuta mal-ittestjar (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni* (1)*)*

7.1.1. Miri għat-testijiet dijanjostiċi

Reġjun (a)	Tip tat-test (b)	Popolazzjoni fil-mira (c)	Tip ta' kampjun (d)	Objettiv (e)	Għadd ta' testijiet ippjanati
				Total	

(a) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
(b) Deskrizzjoni tat-test.
(c) Specifikazzjoni tal-ispeċi fil-mira u l-kategoriji ta' annimali fil-mira.
(d) Deskrizzjoni tal-kampjun.
(e) Deskrizzjoni tal-objettiv (pereżempju kwalifikazzjoni, sorveljanza, konferma tal-każijiet suspettati, monitoraġġ tal-kampanji, serokonverżjoni, kontroll tal-vaċċini mħassra, ittestjar tal-vaċċin, kontroll tat-tilqim, eċċ.).

(1) Għas-snin sussegwenti ta' programmi pluriennali approvati, għandha timtela tabella waħda biss għas-sena rilevanti.

7.1.2. Miri tal-ittestjar fuq merħliet u annimali

7.1.2.1. Miri tal-ittestjar tal-merħliet ([a])

Reġjun ([b])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet ([c])	Għadd totali ta' merħliet fil-programm	Għadd ta' merħliet mistennija li jiġu verifikati ([d])	Għadd ta' merħliet pożittivi mistennija ([e])	Għadd ta' merħliet pożittivi ġodda mistennija ([f])	Għadd ta' merħliet li mistennija li jiġu depopolati	% tal-merħliet pożittivi li mistennija li jiġu depopolati	INDIKATURI FIL-MIRA		
									% mistenni tal-kopertura tal-merħla	% merħliet pożittivi Il-prevalenza perjodika mistennija tal-merħla	% merħliet pożittivi ġodda Inċidenza mistennija tal-merħla
1	2	3	4	5	6	7	8	9 = (8/6) × 100	10 = (5/4) × 100	11 = (6/5) × 100	12 = (7/5) × 100
Total											

([a]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.
([b]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([c]) Għadd totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
([d]) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-merħla fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li l-istatus tas-saħħa tal-merħla jinżamm, jiġi aġġornat, eċċ. F'din il-kolonna, merħla ma għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet ivverifikata aktar minn darba.
([e]) Merħliet li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement mill-għadd ta' drabi li l-merħla tkun ġiet iċċekkjata.
([f]) Merħliet li l-istatus tagħhom matul il-perjodu preċedenti kien *Mhux magħruf, Mhux ħieles — negattiv, Ħieles, Uffiċjalment Ħieles* jew *Sospiż* u jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul dan il-perjodu.

7.1.2.2. Miri għall-ittestjar tal-annimali

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' annimali ([b])	Għadd ta' annimali ([c]) fil-programm	Għadd ta' annimali ([c]) li mistennija li jiġu ttestjati	Għadd ta' annimali li għandhom jiġu ttestjati individwalment ([d])	Għadd ta' annimali pożittivi mistennija	Tbiċċir		INDIKATURI FIL-MIRA	
							Għadd ta' annimali ttestjati pożittivi mistennija li jkunu mbiċċra jew maqtula	Għadd totali ta' annimali mistennija li jiġu mbiċċra ([e])	% tal-kopertura fil-livell tal-annimali	% ta' annimali pożittivi (Prevalenza tal-annimali mistennija)
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10 = (5/4) × 100	11 = (7/5) × 100

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Għadd totali ta' annimali li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u l-merħliet mhux eliġibbli għall-programm.
([c]) Inklużi annimali ttestjati individwalment jew kollettivament.
([d]) Inkludi biss l-annimali ttestjati individwalment u tinkludix annimali ttestjati f'kampjuni kollettivi.
([e]) Inkludi l-annimali pożittivi kollha mbiċċra u wkoll l-annimali negattivi mbiċċra fil-programm.

7.2. *Miri għall-kwalifikazzjoni ta' merħliet u annimali (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni) jekk applikabbli.*

Reġjun (a)	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet u annimali fil-programm		Miri dwar l-istatus tal-merħliet u tal-annimali fil-programm (b)											
				Mistenni li ma jkunx magħruf (c)		Mistenni li ma jkunx ħieles jew uffiċjalment ħieles mill-mard				Mistenni li l-istatus ħieles jew uffiċjalment ħieles mill-mard ikun sospiż (f)		Mistenni li jkun ħieles mill-mard (g)		Mistenni li jkun uffiċjalment ħieles mill-mard (h)	
						L-aħħar verifika pożittiva (d)		L-aħħar verifika negattiva (e)							
		Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)	Merħliet	Annimali (i)
Total															

(a) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
(b) Fl-aħħar tas-sena.
(c) Mhux magħruf: Ma jeżistux riżultati ta' verifiki preċedenti.
(d) Mhux ħielsa u l-aħħar verifika pożittiva: Merħla verifikata li kien fiha tal-anqas riżultat wieħed pożittiv fl-aħħar verifika.
(e) Mhux ħielsa u l-aħħar verifika negattiva: Merħla verifikata b'riżultati negattivi fl-aħħar verifika iżda li mhijiex *Ħielsa* jew *Uffiċjalment Ħielsa*.
(f) Sospiża kif iddefinit għall-marda rispettiva fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali fejn xieraq jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
(g) Merħla ħielsa kif iddefinit għall-marda rispettiva fejn xieraq fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali fejn xieraq jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
(h) Merħla uffiċjalment ħielsa kif iddefinit għall-marda rispettiva fejn xieraq fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
(i) Inkludi dawk l-annimali fil-programm li huma fil merħliet bl-istatus imsemmi (kolonna tax-xellug).

7.3. *Miri għat-tilqim jew għat-trattament (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)*

7.3.1. Miri għat-tilqim jew għat-trattament ([1])

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	L-għadd totali ta' merħliet ([b]) fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd totali ta' annimali fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Miri tal-programm ta' tilqim jew ta' trattament					
				Għadd ta' merħliet ([b]) fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd ta' merħliet ([b]) li mistennija li jiġu mlaqqma jew trattati	Għadd ta' annimali mistennija li jiġu mlaqqma jew trattati	Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li mistennija li jiġu amministrati	Għadd ta' annimali adulti li mistennija li jiġu mlaqqma	Għadd ta' annimali mhux adulti li mistennija li jiġu mlaqqma
Total									

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

([1]) Id-dejta tiġi provduta biss jekk xieraq.

7.3.2. Miri għat-tilqim jew it-trattament ([1]) ta' fawna selvaġġa

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Kilometri kwadri	Miri tal-programm ta' tilqim jew ta' trattament		
			Għadd ta' dożi ta' vaċċin jew ta' trattamenti li mistennija li jiġu amministrati fil-kampanja	Għadd mistenni ta' kampanji	Għadd totali ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li mistennija li jiġu amministrati
Total					

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

8. Analiżi dettaljata tal-ispiża tal-programm (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
1. **Ittestjar**					
1.1. Spiża tat-teħid tal-kampjuni					
	Annimali domestiċi				
1.2. Spiża tal-analiżi	Testijiet batterjoloġiċi (kultivazzjoni) fil-qafas tat-teħid tal-kampjuni uffiċjali				
	Serotipar tal-iżolati rilevanti				

([1]) Id-dejta tiġi provduta biss jekk xieraq.

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
	Test batterjoloġiku biex jivverifika l-effiċjenza tad-diżinfezzjoni tal-bini wara d-depopulazzjoni ta' qatgħa li tittestja pożittiv għas-Salmonella				
	Test għad-detezzjoni tal-antimikrobi jew tal-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji fit-tessuti minn annimali minn qtajja'/merħliet ittestjati għas-Salmonella				
	Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)				
2. **Tilqim**	(Jekk jiġi mitlub kofinanzjament għax-xiri tal-vaċċini, it-Taqsimiet 6.4 u 7.2 jeħtieġu jimtlew ukoll jekk il-politika dwar it-tilqim tkun parti mill-programm tiegħek)				
2.1. Xiri ta' dożi tal-vaċċin	Għadd ta' dożi tal-vaċċin				
3. **Tbiċċir u qerda**					
3.1. Kumpens għall-annimali	Kumpens għall-annimali				
3.2. Spejjeż tat-trasport					

Spejjeż marbuta ma’	Speċifikazzjoni	Għadd ta’ unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
3.3. Spejjeż tal-qerda					
3.4. Telf fil-każ tat-tbiċċir					
3.5. Spejjeż mit-trattament tal-prodotti tal-annimali (bajd, bajd għat-tfaqqis, eċċ.)	Spejjeż mit-trattament tal-prodotti tal-annimali (bajd, bajd għat-tfaqqis, eċċ.				
4. **Tindif u diżinfezzjoni**					
5. **Salarji (persunal fuq kuntratt għall-programm biss)**	Salarji				
	Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)				
6. **Oġġetti ta’ konsum u tagħmir speċifiku**					

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
7. **Spejjeż oħra**					
			Total		

ANNESS VI

Rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn taħt:

— Settiċemija emorraġika virali (VHS)

— Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)

— Virus erpetiku tal-karpjun koi (KHV)

— Anemija infettiva tas-salamun (ISA)

— Infezzjoni bil-Marteilia refringens

— Infezzjoni bil-Bonamia ostreae

— Marda tal-ponot bojod fil-krustaċji

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
1.	**Identifikazzjoni tal-programm**	
1.1.	L-Istat Membru Dikjaranti	
1.2.	L-Awtorità kompetenti (indirizz, faks, posta elettronika)	
1.3.	Ir-referenza ta' dan id-dokument	
1.4.	Id-data tas-sottomissjoni lill-Kummissjoni	
2.	**Tip ta' komunikazzjoni**	
2.1.	☐ Applikazzjoni għal programm ta' eradikazzjoni	
3.	**Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** (1)	
4.	**Talbiet għall-kofinanzjament**	
4.1.	Indika s-sena jew is-snin li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament	
4.2.	Ftehim tal-awtorità maniġerjali tal-programm operazzjonali (firma u timbru)	
5.	**Mard**	
5.1.	Ħut	☐ VHS ☐ IHN ☐ ISAV ☐ KHV
5.2.	Molluski	☐ *Marteilia refringens* ☐ *Bonamia ostreae*

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
5.3.	Krustaċji	☐ Marda tal-ponot bojod
6.	**Informazzjoni ġenerali dwar il-programmi**	
6.1.	Awtorità kompetenti [2]	
6.2.	Organizzazzjoni, superviżjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-programm [3]	
6.3.	Deskrizzjoni tal-istruttura tal-industrija tal-akkwakultura fiż-żona kkonċernata inklużi t-tipi ta' produzzjoni, l-ispeċi miżmuma, eċċ.	
6.4.	Minn meta saret obbligatorja n-notifika lill-awtorità kompetenti dwar is-suspett u l-konferma tal-marda/mardiet inkwistjoni?	
6.5.	Minn meta kie hemm sistema ta' detezzjoni bikrija fl-Istati Membri, biex biha l-awtorità tkun tista' twettaq investigazzjoni effettiva u tirrapporta dwar il-mard [4]?	
6.6.	Sors ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċi suxxettibbli għall-marda kkonċernata li jidħlu fl-Istat Membru, fiż-żona jew fil-kompartimenti għall-akkwakultura.	
6.7.	Linji gwida dwar prattika tajba ta' iġjene [5]	
6.8.	Is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda matul mill-anqas l-erba' snin qabel il-bidu tal-programm [6]	
6.9.	L-ispejjeż stmati u l-benefiċċji antiċipati tal-programm [7]	
6.10.	Deskrizzjoni tal-programm sottomess [8]	
6.11.	Tul tal-programm	

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
7.	**Erja koperta** (9)	
7.1.	☐ Stat Membru	
7.2.	☐ Żona (il-baċir tal-iskular sħiħ) (10)	
7.3.	☐ Żona (parti mill-baċir tal-iskular) (11) Identifika u ddeskrivi l-ilqugħ artifiċjali jew naturali li jillimita ż-żona u ġġustifika għaliex dan ma jħallix li ssir migrazzjoni 'l fuq tal-annimali akkwatiċi mill-wesgħat ta' isfel tal-baċir tal-iskular.	
7.4.	☐ Żona (aktar minn baċir tal-iskular wieħed) (12)	
7.5.	☐ Kompartiment dipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-madwar (13)	
	Identifika u ddeskrivi l-provvista ta' ilma għal kull impriża (14)	☐ Bir, spiera jew nixxiegħa ☐ Impjant għat-trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti (15)
	Identifika u ddeskrivi għal kull impriża, l-ilqugħ naturali jew artifiċjali u ġġustifika għaliex dan ma jħallix lill-annimali akkwatiċi jidħlu f'kull impriża f'kompartiment mill-kanali tal-ilma fil-madwar.	
	Identifika u ddeskrivi, għal kull impriża, il-protezzjoni kontra l-għargħar u l-infiltrazzjoni tal-ilma mill-madwar	
7.6.	☐ Kompartiment dipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-madwar (16)	
	☐ Unità epidemjoloġika waħda minħabba l-lokalizzazzjoni ġeografika u d-distanza minn impriżi/postijiet ta' tkabbir oħra (17)	
	☐ L-impriżi kollha li jiffurmaw il-kompartiment jaqgħu taħt sistema komuni ta' bijosigurtà (18)	
	☐ Kull rekwiżit addizzjonali (19)	

	Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa	Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
7.7.	Impriżi jew postijiet ta' tkabbir tal-molluski koperti mill-programm (numri ta' reġistrazzjoni u sitwazzjoni ġeografika)	
8.	**Miżuri tal-programm sottomess**	
8.1.	Sommarju tal-miżuri fil-programm	

	L-ewwel sena
	☐ Ittestjar
	☐ Ħsad għall-konsum mill-bniedem jew għal aktar ipproċessar
	  ☐ Immedjat
	  ☐ Ittardjat
	☐ Tneħħija u rimi
	  ☐ Immedjat
	  ☐ Ittardjat
	☐ Tilqim
	☐ Miżuri oħra (speċifika)
		L-aħħar sena
		☐ Ittestjar
		☐ Ħsad għall-konsum mill-bniedem jew għal aktar ipproċessar
		  ☐ Immedjat
		  ☐ Ittardjat
		☐ Tneħħija u rimi
		  ☐ Immedjat
		  ☐ Ittardjat
		☐ Miżuri oħra (speċifika)

8.2.	Deskrizzjoni tal-miżuri tal-programm [20]	
	Popolazzjoni/speċi immirati	
	Testijiet użati u skemi tat-teħid tal-kampjuni. Laboratorji involuti fil-programm [21]	
	Regoli dwar il-movimenti tal-annimali	
	Vaċċini użati u skemi tat-tilqim	
	Miżuri f'każ ta' riżultat pożittiv [22]	

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
	Skema ta' kumpens għas-sidien	
	Kontroll u superviżjoni għall-implimentazzjoni tal-programm u rappurtar	

(1) Leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ applikabbli għall-applikazzjoni tal-programm ta' eradikazzjoni.
(2) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-istruttura, tal-kompetenzi, tad-dmirijiet u tas-setgħat tal-awtorità kompetenti jew tal-awtoritajiet kompetenti involuti.
(3) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni u mill-koordinazzjoni tal-programm u l-operaturi differenti involuti.
(4) Is-sistemi ta' detezzjoni bikrija għandhom jassiguraw b'mod partikolari r-rikonoxximent malajr ta' kull sinjal kliniku konsistenti mas-suspett ta' xi marda, marda emerġenti, jew mortalità inspjegabbli fl-impriżi jew fiż-żoni tat-tkabbir tal-molluski, u fis-selvaġġ, u l-komunikazzjoni rapida tal-avveniment lill-awtorità kompetenti bil-għan li tiġi attivata investigazzjoni dijanjostika bl-inqas dewmien. Is-sistema ta' skoperta bikrija għandha tinkludi mill-anqas dan li ġej:

(a) għarfien wiesa', fost il-persunal impjegat fin-negozju tal-akkwakultura jew li jkun involut fl-ipproċessar tal-annimali tal-akkwakultura, ta' kull sinjal konsistenti mal-preżenza ta' xi marda u t-taħriġ ta' veterinarji jew ta' speċjalisti tas-saħħa ta' annimali akkwatiċi fid-detezzjoni u r-rapportaġġ ta' okkorrenza ta' mard mhux tas-soltu;
(b) veterinarji jew speċjalisti tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi mħarrġa biex jagħrfu u jirrappurtaw okkorrenza ta' mard suspettuż;
(c) aċċess mill-awtorità kompetenti għall-laboratorji bil-faċilitajiet ta' dijanjożi u differenzjar ta' mardiet elenkati u emerġenti.

(5) Għandha tingħata deskrizzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).
(6) Għandha tingħata informazzjoni permezz tat-tabella stipulata fil-Parti 9 tal-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni.
(7) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-benefiċċji għall-pixxikulturi u għas-soċjetà inġenerali.
(8) Għandha tingħata deskrizzjoni konċiża tal-programm bl-għanijiet ewlenin, il-miżuri ewlenin, il-popolazzjoni fil-mira, l-oqsma ta' implimentazzjoni u d-definizzjoni ta' każ pożittiv.
(9) Iż-żona koperta għandha tkun identifikata sew u deskritta f'xi mappa, li għandha tiġi mehmuża bħala Anness mal-applikazzjoni.
(10) Baċir tal-iskular sħiħ mis-sorsi tiegħu sal-estwarju.
(11) Parti minn baċir tal-iskular mis-sors(i) sa lqugħ naturali jew artifiċjali li jwaqqaf il-migrazzjoni 'l fuq tal-annimali akkwatiċi mill-wesgħat aktar baxxi tal-baċir tal-iskular.
(12) Aktar minn baċir tal-iskular wieħed, inkluż l-estwarji tiegħu, minħabba r-rabta epidemjoloġika bejn il-baċiri tal-iskular mill-estwarji.
(13) Kumpartimenti magħmula minn impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski waħda jew aktar fejn l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda marda speċifika hu indipendenti mill-istatus tas-saħħa li jirrigwarda dik il-marda tal-ilmijiet naturali tal-madwar.
(14) Kompartiment li jkun indipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-ilmijiet tal-madwar, għandu jkun ipprovdut bl-ilma:

(a) permezz ta' impjant tat-trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti biex jitnaqqas ir-riskju li l-marda tidħol f'livell aċċettabbli; jew
(b) direttament minn bir, spiera jew nixxiegħa. Fejn din il-provvista ta' ilma tkun tinsab 'il barra mill-bini tal-impriża, l-ilma għandu jkun ipprovdut direttament lill-impriża permezz ta' pajp.

(15) Għandha tingħata informazzjoni teknika biex turi li l-patoġenu rilevanti hu inattivat sabiex inaqqas ir-riskju tal-introduzzjoni tal-marda għal livell aċċettabbli.
(16) Kumpartimenti li jkun fihom impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski waħda jew aktar fejn l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda xi marda speċifika jkun dipendenti fuq l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda dik il-marda tal-ilmijiet naturali tal-madwar.
(17) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-lokalizzazzjoni ġeografika u d-distanza mill-impriżi l-oħra/żoni ta' tkabbir l-oħra biex ikunu possibbli li l-kumpartiment jitqies bħala unità epidemjoloġika waħda.
(18) Għandha tingħata deskrizzjoni tas-sistema ta' bijosigurtà komuni.
(19) Kull impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski f'xi kumpartiment li hu dipendenti fuq l-istatus tas-saħħa tal-ilmijiet tal-madwar għandu jkun soġġett għal miżuri addizzjonali imposti mill-awtorità kompetenti, meta jitqies meħtieġ biex iżomm milli jidħol il-mard. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' żona ta' lqugħ madwar il-kumpartiment li fih isir programm ta' monitoraġġ, u t-twaqqif ta' protezzjoni addizzjonali kontra l-intrużjoni ta' trasportaturi jew vetturi tal-patoġeni li jista' jkun hemm.
(20) Għandha tingħata deskrizzjoni komprensiva sakemm ma ssirx referenza għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li fiha l-miżuri huma stipulati għandha tissemma.
(21) Iddeskrivi l-metodi dijanjostiċi u l-iskemi kampjunarji. Meta jiġu applikati standards tal-OIE jew tal-UE, irreferi għalihom. Jekk le, iddeskrivihom. Semmi l-laboratorji involuti fil-programm (Laboratorju Nazzjonali ta' Referenza jew laboratorji maħtura).
(22) Tingħata deskrizzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-annimali pożittivi (ħsad immedjat ittardjat għall-konsum uman, tneħħija u rimi immedjat jew ittardjat, miżuri biex tkun evitata l-firxa tal-patoġenu meta jsir il-ħsad, aktar ipproċessar jew tneħħija u rimi, proċedura għad-diżinfezzjoni tal-impriżi infettati jew żoni tat-tkabbir tal-molluski infettati, proċedura għall-istokkjar mill-ġdid b'annimali b'saħħithom f'impriżi jew f'żoni tat-tkabbir li ġew depopolati u l-ħolqien ta' żona ta' sorveljanza madwar l-impriża infettat jew iż-żona tat-tkabbir infettata, eċċ.).

9. **Dejta dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika/evoluzzjoni tal-marda fl-aħħar erba' snin (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

9.1. *Dejta dwar l-ittestjar tal-annimali*

Stat Membru, żona jew kompartiment (*)

Marda		Sena							
Impriża jew post tat-tkabbir tal-molluski	Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' spezzjonijiet kliniċi	Temperatura tal-ilma waqt it-teħid tal-kampjun/spezzjoni	Speċi waqt it-teħid tal-kampjuni	Speċi li ttieħed kampjun tagħha	Għadd ta' annimali fil-kampjun (total u skont l-ispeċi)	Għadd ta' testijiet	Riżultati pożittivi tal-eżamijiet tal-laboratorju	Riżultati pożittivi tal-ispezzjonijiet kliniċi
					Total				

(*) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

9.2. *Dejta dwar l-ittestjar tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir*

Marda		Sena									
									Indikaturi fil-mira		
Stat Membru, żona jew komparti-ment (1)	L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski (2)	Għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski fil-programm	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski vverifikati (3)	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożittivi (4)	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski ġodda pożit-tivi (5)	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski depopulati	% tal-impriżi jew tal-posti-jiet tat-tkabbir tal-molluski depopulati	Annimali mneħħija u mormija (6)	% tal-koper-tura tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-mol-luski pożittivi prevalenza perjo-dika tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir ta' mol-luski ġodda po-żittivi inċidenza tal-im-priżi jew tal-pos-tijiet tat-tkabbir tal-molluski
1	2	3	4	5	6	7	8 =	9	10 =	11 = (5/4) × 100	12 = (6/4) × 100
Total											

(1) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.
(2) L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski eżistenti fl-Istat Membru, żona jew kompartiment kif iddefinit fil-Punt 7 tal-Anness VI.
(3) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-impriżi/żona tat-tkabbir tal-molluski fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jiġi aġġornat l-istatus tas-saħħa tal-impriż/żona tat-tkabbir tal-molluski. F'din il-kolonna impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski m'għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.
(4) L-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentament min-numru ta' drabi li jkunu ġew ivverifikati l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski.
(5) Impriżi jew żoni tat-tkabbir tal-molluski li l-istatus tas-saħħa tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien, skont il-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva 2006/88/KE, il-kategorija I, il-kategorija II, il-kategorija III jew il-kategorija IV u li jkollhom talanqas annimal wieħed pożittiv f'dan il-perjodu.
(6) Annimali × 1 000 jew piż totali tal-annimali mneħħija u mormija.

10. **Miri (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

10.1. *Miri marbuta mal-ittestjar tal-annimali*

Stat Membru, żona jew kompartiment (*)

Marda		Sena					
Impriża jew post tat-tkabbir tal-molluski	Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' spezzjonijiet kliniċi	Temperatura tal-ilma waqt it-teħid tal-kampjuni/spezzjoni	Speċi waqt it-teħid tal-kampjuni	Speċi li ttieħed kampjun tagħha	Għadd ta' annimali fil-kampjun (total u skont l-ispeċi)	Għadd ta' testijiet
						Total	

(*) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

10.2. *Miri fuq l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-ittestjar*

Marda		Sena								
								Indikaturi fil-mira		
Stat Membru, żona jew komparti-ment [1]	L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski [2]	Għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski fil-programm	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jkunu verifi-kati [3]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jkunu pożit-tivi [4]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski ġodda misten-nija li jkunu pożittivi [5]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jiġu depopolati	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożit-tivi mistennija li jiġu depopolati	% mistenni tal-kopertura tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-mol-luski pożittivi Prevalenza perjo-dika mistennija tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-mol-luski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir ta' mol-luski ġodda po-żittivi Inċidenza misten-nija tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski
1	2	3	4	5	6	7	8 = (7/5) × 100	9 = (4/3) × 100	10 = (5/4) × 100	11 = (6/4) × 100
Total										

(1) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

(2) L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski eżistenti fl-Istat Membru, żona jew kompartiment kif iddefinit fil-Punt 7 tal-Anness VI.

(3) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jiġi aġġornat l-istatus tas-saħħa tal-impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski. F'din il-kolonna impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski m'għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.

(4) L-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement min-numru ta' drabi li jkunu ġew ivverifikati l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski.

(5) Impriżi jew żoni tat-tkabbir tal-molluski li l-istatus tas-saħħa tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien, skont il-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva 2006/88/KE, il-kategorija I, il-kategorija II, il-kategorija III jew il-kategorija IV u li jkollhom talanqas annimal wieħed pożittiv f'dan il-perjodu.

11. **Analiżi dettaljata tal-ispiża tal-programm (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

Spejjeż marbuta ma'		Specifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
1.	**Ittestjar**					
1.1.	Spiża tal-analiżi	Test:				
		Test:				
		Test:				
1.2.	Spiża tat-teħid tal-kampjuni					
1.3.	Spejjeż oħra					
2.	**Tilqim jew trattament**					
2.1.	Xiri tal-vaċċin/tat-trattament					
2.2.	Spejjeż tad-distribuzzjoni					
2.3.	Spejjeż tal-amministrazzjoni					
2.4.	Spejjeż tal-kontroll					
3.	**Tneħħija u rimi tal-annimali tal-akkwakultura**					
3.1.	Kumpens tal-annimali					
3.2.	Spejjeż tat-trasport					
3.3.	Spejjeż tar-rimi					
3.4.	Telf fil-każ tat-tneħħija					
3.5.	Spejjeż mit-trattament tal-prodotti					

Spejjeż marbuta ma'		Specifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
4.	**Tindif u diżinfezzjoni**					
5.	**Salarji (persunal fuq kuntratt għall-programm biss)**					
6.	**Oġġetti ta' konsum u tagħmir speċifiku**					
7.	**Spejjeż oħra**					
				Total		

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2015 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

tat-18 ta' Diċembru 2015

dwar l-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova [2015/2445]

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 462 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 464 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), partijiet tal-Ftehim ġew applikati fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Settembru 2014.

(2) Ir-Repubblika tal-Moldova infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li tista' tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim fit-territorju kollu tagħha mill-1 ta' Jannar 2016.

(3) Huwa xieraq li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni regolarment jirrieżamina l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova.

(4) Huwa xieraq li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ jimmonitorja l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova u jirrapporta regolarment lill-Kunsill ta' Assoċjazjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. It-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, għandu japplika għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova mill-1 ta' Jannar 2016.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jirrieżamina l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Moldova fi żmien 10 xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u darba fis-sena minn hemm 'il quddiem.

3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jissorvelja l-applikazzjoni tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1. Huwa għandu jirrapporta lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni darba fis-sena u skont ma jeħtieġu ċ-ċirkostanzi.

4. It-Titolu VII (Dispożizzjonijiet istituzzjonali, ġenerali u finali) tal-Ftehim għandu japplika sal-punt li huwa applikat fir-rigward tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim.

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Chişinău, it-18 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

G. BREGA

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT